ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 216

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54
22 ta' Lulju 2011

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kunsill**

2011/C 216/01 — Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Portugall ..... 1

2011/C 216/02 — Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Finlandja, 2011-2014 ..... 3

2011/C 216/03 — Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tar-Rumanija 2011-2014 ..... 6

OPINJONIJIET

**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

2011/C 216/04 — Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet ..... 9

MT

**Prezz:**
**EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 216/05 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-awtorità awtorizzata biex toħroġ iċ-ċertifikati ta' awtentiċità fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 620/2009 ........ 17

2011/C 216/06 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6151 – PetroChina/INEOS/JV) ([1]) 18

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

2011/C 216/07 Regoli dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew – Deċiżjoni tal-Bureau tat-28 ta' Novembru 2001 ........ 19

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 216/08 Rata tal-kambju tal-euro ........ 25

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2011/C 216/09 Aġġornament tal-lista ta' permessi ta' residenza msemmija fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 247, 13.10.2006, p. 1, ĠU C 153, 6.7.2007, p. 5, ĠU C 192, 18.8.2007, p. 11, ĠU C 271, 14.11.2007, p. 14, ĠU C 57, 1.3.2008, p. 31, ĠU C 134, 31.5.2008, p. 14, ĠU C 207, 14.8.2008, p. 12, ĠU C 331, 21.12.2008, p. 13, ĠU C 3, 8.1.2009, p. 5, ĠU C 64, 19.3.2009, p. 15; ĠU C 198, 22.8.2009, p. 9; ĠU C 239, 6.10.2009, p. 2; ĠU C 298, 8.12.2009, p. 15; ĠU C 308, 18.12.2009, p. 20; ĠU C 35, 12.2.2010, p. 5; ĠU C 82, 30.3.2010, p. 26; ĠU C 103, 22.4.2010, p. 8; ĠU C 108, 7.4.2011, p. 6; ĠU C 157, 27.5.2011, p. 5; ĠU C 201, 8.7.2011, p. 1) ........ 26

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Lulju 2011

## dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Portugall

(2011/C 216/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa ta' linji ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji ta' politika ekonomika tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar Linji Gwida għal-linji ta' politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri [1], li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(3) Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li kien il-bidu ta' ċiklu ġdid ta' governanza ekonomika fl-UE u l-ewwel semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika ex ante u integrata, imsejsa fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(4) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-konsolidazzjoni fiskali u r-riforma strutturali (bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'żieda mal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir mill-Kummissjoni). Huwa saħaq fuq il-ħtieġa li tingħata prijorità lir-restawr ta' baġits tajbin u s-sostenibbiltà fiskali, it-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jittejjeb it-tkabbir. Talab lill-Istati Membri biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom għall-inklużjoni fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom. Fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma, l-impenji u l-azzjonijiet speċifiċi għall-2011 mhumiex ikkomunikati b'mod espliċitu iżda huma mistennija li jitressqu lill-Kunsill Ewropew.

[1] Miżmuma għall-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 56).

(6) Fit-23 ta' Marzu 2011, il-gvern Portugiż ressaq Programm ta' Stabbiltà għall-2011-2014 lill-parlament nazzjonali, li rrifjutah. Fid-19 ta' April 2011, il-gvern Portugiż ressaq Programm Nazzjonali ta' Riforma. Il-Memorandum ta' Qbil iffirmat fis-17 ta' Mejju 2011 ħa post ix-xenarji makroekonomiċi u fiskali proposti kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika.

(7) Fis-17 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE li għamlet disponibbli għall-Portugall assistenza finanzjarja għal terminu medju għall-perijodu ta' tliet snin 2011-2014 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 ([1]) li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja. Il-Memorandum ta' Ftehim li jakkumpanja iffirmat fl-istess ġurnata u s-supplimenti suċċessivi tiegħu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika li abbażi tagħhom tiġi żburżata l-assistenza finanzjarja.

(8) Fl-2010, il-PDG tal-Portugall kiber b'rata ta' 1,3 %. Madankollu, minbarra li kien dovut għal tkabbir qawwi fl-esportazzjoni, dan it-tkabbir pożittiv kien dovut ukoll għal fatturi eċċezzjonali li taw spinta lill-konsum privat. L-iżviluppi tal-prezzijiet u tal-kostijiet indikaw biċ-ċar li ma kienux biżżejjed biex jagħtu spinta lill-kompetittività f'rata mgħaġġla biżżejjed sabiex jirrimedjaw id-defiċit tal-kont kurrenti tiegħu, li kien jilħaq l-10 % tal-PDG fl-2010. L-ekonomija ġeneralment dgħajfa u ż-żieda qawwija fil-qgħad (11,2 % fl-aħħar tal-2010) wasslu għal defiċits kbar tal-gvern, li qabżu l-10 % tal-PDG fl-2009 u d-9 % fl-2010, 'il fuq minn 3,5 % fl-2008. L-iżviluppi sfavorevoli fil-finanzi pubbliċi assoċjati ma' antiċipazzjoni mwiegħra għat-tkabbir ekonomiku wasslu, reċentement, għal deterjorazzjoni fil-kunfidenza u pressjonijiet jogħlew fis-swieq tal-bonds tal-gvern, u ġabu tħassib dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tiegħu. Wara twaqqigħ fl-ikklassifikar ta' bonds Portuġiżi għal diversi drabi konsekuttivi mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, il-pajjiż ma setax jiffinanzja mill-ġdid lilu nnifsu b'rati li huma kompatibbli ma' sostenibbiltà fiskali fuq terminu twil. Fl-istess ħin, is-settur bankarju, li jiddependi ħafna fuq il-finanzjament estern, l-iktar fiż-żona tal-euro, kien dejjem iktar maqtugħ mill-finanzjament tas-swieq.

(9) Il-Portugall għamel impenn li jimplimenta programm ta' aġġustament finanzjarju bl-għan li terġa' tinkiseb fiduċja fis-settur sovran u f'dak bankarju u li jappoġġa t-tkabbir u l-impjiegi. Dan jipprevedi azzjoni kompensiva minn tliet direzzjonijiet: (i) strateġija ta' konsolidazzjoni fiskali li hija bbilanċjata u kredibbli, appoġġata minn miżuri fiskali strutturali u kontroll fiskali aħjar; (ii) riformi strutturali radikali u proattivi fis-swieq tax-xogħol u tal-prodotti; u (iii) sforzi sabiex is-settur finanzjarju jitħares minn diżingranar disorganizzat permezz ta' mekkaniżmi bbażati fuq is-suq appoġġati minn faċilitajiet ta' riżerva.

(10) Il-Kummissjoni vvalutat il-Pragramm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tiegħu għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fil-Portugall iżda wkoll kemm jikkonforma mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tenfasizza l-urġenza tal-implimentazzjoni tal-miżuri ppjanati f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Portugall:

Jimplimenta l-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE u li huma speċifikati aktar fil-Memorandum ta' Qbil tas-17 ta' Mejju 2011 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VINCENT-ROSTOWSKI

---

([1]) ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Lulju 2011

## dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Finlandja, 2011-2014

(2011/C 216/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkonsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkonsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li se tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hemm il-ħtieġa ta' azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ([2]), li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u dwar l-impjiegi nazzjonali tagħhom.

(3) Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li kien il-bidu ta' ċiklu ġdid ta' governanza ekonomika fl-UE u l-ewwel semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(4) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew ta l-approvazzjoni uffiċjali lill-prijoritajiet għall-konsolidazzjoni fiskali u r-riforma strutturali (bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'żieda mal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir mill-Kummissjoni). Hu saħaq il-ħtieġa li tingħata prijorità lir-restawr ta' baġits tajbin u s-sostenibbiltà fiskali, lit-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jittejjeb it-tkabbir. Talab lill-Istati Membri biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(6) Fis-6 ta' April 2011, il-Finlandja ppreżentat l-aġġornament tal-Programm ta' Stabbiltà tagħha li tkopri l-perjodu 2011-2014 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnotazzjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(7) Fl-aktar punt baxx tal-kriżi ekonomika globali, il-Finlandja esperjenzat waqgħa kbira ħafna fil-PDG, peress li, tradizzjonalment, l-ekonomija Finlandiża hija dipendenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industriji prinċipali tagħha. Fl-2009, il-PDG ċkien bi 8,2 % minħabba l-waqgħa kbira fl-esportazzjonijiet (tnaqqis ta' 20 % fil-volum) u effetti ħżiena relatati ta' fiduċja fuq l-investimenti. Ir-rata tal-qgħad kibret b'madwar 2 punti perċentwali, b'żieda minn 6,4 % tal-forza tax-xogħol fl-2008 għal 8,3 % fl-2010. L-irkupru ekonomiku kien b'saħħtu bil-PDG jespandi bi 3,1 % fl-2010, sostnut kemm mid-domanda domestika kif ukoll minn reazzjoni pożittiva fl-esportazzjonijiet. Wara tnaqqis għal żmien qasir fl-2009, il-prezzijiet tal-proprjetà immobbli u l-volumi tal-kostruzzjoni tar-residenzi rkupraw malajr għal-livelli ogħla mill-perjodu ta' qabel il-kriżi, fattur li qajjem tħassib dwar espansjoni eċċessiva tas-suq immobiljari. Il-Finlandja ħarġet mill-kriżi ekonomika b'defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' 2,5 % tal-PDG fl-2010 u b'dejn ta' 48,5 % tal-PDG.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

[2] Miżmuma għall-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 56).

(8) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà aġġornat skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-Programm ta' Stabbiltà huwa plawsibbli għall-2011-2012, iżda kemxejn favorevoli għall-perjodi ta' wara. Għall-2011-2012, ix-xenarju makroekonomiku huwa konformi mal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni. Għall-2013-2015, il-Programm ta' Stabbiltà jipprevedi tkabbir ta' madwar 2 % fil-PDG li huwa kemxejn aktar 'il fuq mill-istima tat-tkabbir potenzjali ta' 1,5 % u għalhekk, dan jista' jkun suġġett għal xi riskji ta' ċaqliq 'l isfel. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja huwa li d-deficit jitnaqqas għal 0,9 % tal-PDG fl-2011 u għal 0,7 % tal-PDG fl-2012 b'riflessjoni ta' titjib ċikliku fl-ekonomija u xi miżuri ta' konsolidazzjoni diġà deċiżi mill-gvern preċedenti. Madankollu, l-aġġornament tal-Programm ta' Stabbiltà ma jippjanax aktar konsolidazzjoni fiskali għall-perjodu 2013-2015. Ir-riskji għall-miri baġitarji jidhru li huma bbilanċjati. L-aktar fattur tar-riskju li jispikka ġej mill-ambjent makroekonomiku globali li, tradizzjonalment, kellu impatt qawwi fuq l-ekonomija Finlandiża dipendenti fuq l-esportazzjoni.

(9) L-aħħar aġġornament tal-Programm ta' Stabbiltà ma jipprevedix l-użu tat-titjib previst fil-kundizzjonijiet ekonomiċi għall-konsolidazzjoni baġitarja fuq terminu medju. Filwaqt li huwa previst li l-objettiv ta' terminu medju (OTM), stipulat mill-awtoritajiet Finlandiżi bħala surplus strutturali ta' 0,5 % tal-PDG, jintlaħaq fl-2011, fis-snin ta' wara, il-bilanċ strutturali se jaqa' taħt il-mira.

(10) Skont il-valutazzjoni l-aktar riċenti tal-Kummissjoni, ir-riskji fir-rigward tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi jidhru medji. Filwaqt li azzjonijiet kontra l-effetti tax-xjuħija tal-popolazzjoni kienu waħda mill-prijoritajiet ta' gvernijiet suċċessivi Finlandiżi, il-pajjiż qed iħabbat wiċċu ma' bidla qawwija u immedjata demografika u għadha teżisti diskrepanza notevoli fis-sostenibbiltà fil-finanzi pubbliċi. Din l-isfida għandha implikazzjonijiet għal ħafna oqsma ta' politika. It-tixjiħ tal-popolazzjoni se jwassal għal żieda sinifikanti fid-domanda għal servizzi relatati max-xjuħija li, fil-biċċa l-kbira, huma pprovduti mill-gvernijiet lokali fil-Finlandja. Fi studji varji nstab li t-titjib tal-produttività tas-servizzi pubbliċi kien dgħajjef matul l-aħħar snin. L-awtoritajiet Finlandiżi diġà implimentaw diversi riformi biex jiġu ristrutturati s-servizzi pubbliċi u tingħata spinta lill-produttività kemm fuq il-livell ta' gvern ċentrali kif ukoll ta' dak lokali. L-investimenti relattivament kbar fit-teknoloġija tal-informazzjoni fis-settur pubbliku għadhom ma sarrfux f'titjib fil-produttività u dan jimplika li huwa meħtieġ li dawn l-investimenti jkunu akkumpanjati minn bidliet strutturali u amministrattivi. Globalment, għad hemm lok għal miżuri addizzjonali biex jinkisbu żidiet fil-produttività u ffrankar fil-kost tal-għoti tas-servizz pubbliku.

(11) Iż-żieda attwali tal-qgħad fit-tul jagħti lok għal tħassib. Bejn l-2005 u l-2008, il-qgħad fit-tul naqas b'mod sostanzjali, iżda reġa' beda jiżdied fl-2009. Sal-aħħar ta' Marzu 2011 il-qgħad fit-tul kien ta' 57 400, b'żieda ta' 12 400 fuq is-sena preċedenti. Ħafna min-nies diżokkupati fit-tul huma attwalment fil-grupp ta' età bejn il-55 u l-64 sena. Minħabba x-xejriet tal-irtirar, l-akbar żieda fil-qgħad se jkun fil-grupp ta' età bejn il-45 u l-54 sena. Għalkemm ir-rata tal-qgħad fit-tul fil-Finlandja hija taħt il-medja tal-UE, din il-kwistjoni għandha titqies fil-kuntest tal-iżgurar tal-provvista ta' ħaddiema fil-futur u tal-inklużjoni soċjali. L-esperjenza turi li l-qgħad fit-tul, b'mod partikolari, iżid ir-riskju tal-povertà u l-esklużjoni soċjali. Għalkemm l-awtoritajiet Finlandiżi jirrikonoxxu ż-żieda fil-qgħad fit-tul bħala kwistjoni urġenti, sa issa ma ġiet imfassla ebda strateġija komprensiva biex tindirizza din il-kwistjoni. Il-Finlandja espandiet miżuri ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol (miżuri ALMP) b'mod effiċjenti waqt il-kriżi fil-ġlieda kontra l-qgħad taż-żgħażagħ. Filwaqt li dan għen fit-tnaqqis fil-qgħad taż-żgħażagħ fl-2010-2011, dan xorta baqa' ogħla mill-medja tal-UE, u jista' jeħtieġ miżuri ġodda. Bl-istess mod, ir-rinforz u l-indirizzar aħjar tal-miżuri ALMP għandhom jgħinu fit-treġġigħ lura tax-xejra negattiva tal-qgħad fit-tul.

(12) Meta jitqiesu l-bidliet demografiċi, żieda fir-rata tal-impjieg ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età hija importanti għall-finanzi pubbliċi u kruċjali biex tintlaħaq id-domanda għall-ħaddiema fil-futur. Is-sistema tal-pensjonijiet Finlandiża ġiet irriformata fl-2005 u l-benefiċċji ta' pensjoni ġew marbuta mal-koeffiċjent tal-istennija tal-għomor fl-2009. Madankollu, attwalment, l-età statutorja tal-pensjoni mhijiex marbuta tal-istennija tal-għomor. Meta titqies iż-żieda kontinwa fl-istennija tal-għomor, rabta bħal din mhux biss tikkontribwixxi għall-provvista ta' ħaddiema iżda tista' tgħin ukoll fl-iżgurar tal-adegwatezza tal-pensjonijet. Matul l-aħħar ftit snin tnaqqsu l-iskemi ta' rtirar kmieni, iżda xorta fadal lok għal aktar miżuri biex jitjiebu l-inċentivi għax-xogħol fost l-anzjani. Pereżempju, il-benefiċċji tal-qgħad estiżi għall-anzjani jaħdmu b'mod ġenerali bl-istess mod bħall-pensjoni tal-qgħad li ġiet imneħħija. Minkejja li kien hemm titjib matul l-aħħar għaxar snin, ir-rati tal-okkupazzjoni ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età u l-età effettiva ta' ħruġ mis-suq tax-xogħol huma baxxi wisq. Ħafna drabi, id-diżabbiltà hija l-kawża tal-irtirar kmieni. Iż-żieda tal-età effettiva tal-irtirar teħtieġ miżuri li jqisu wkoll il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol, inklużi l-benesseri u s-saħħa tal-impjegati. Dan huwa importanti b'mod partikolari minħabba l-għadd għoli ta' persuni fuq pensjonijiet ta' diżabbiltà. Mill-2009 'l hawn, il-Finlandja nefqet madwar EUR 21 miljun fuq proġetti għat-titjib tal-ambjent tax-xogħol. L-impatt ta' dawn l-inizjattivi jisthoqqlu valutazzjoni. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja hija, tradizzjonalment, għolja ħafna fil-Finlandja u se tkompli tkun importanti hekk kif ikun hemm ħtiġijiet ta' ħiliet ġodda u bidliet demografiċi.

(13) Kompetizzjoni akbar, partikolarment fis-settur tas-servizzi, saret dejjem aktar rilevanti biex tingħata spinta lill-produttività u jissaħħaħ it-tkabbir potenzjali ekonomiku. Il-pożizzjoni ġeografika remota tal-Finlandja kif ukoll id-densità baxxa tal-popolazzjoni jdgħajfu l-kompetizzjoni fin-negozju u dan jirriżulta fi tkabbir relattivament baxx tal-produttività fis-setturi mhux kummerċjali. L-istrutturi eżistenti ta' negozju huma okkażjonalment konċentrati ħafna, partikolarment fl-industrija tal-ikel jew fil-kummerċ fil-livell tal-operaturi u tal-konsumaturi. Dan jista' jikkontribwixxi għal-livell relattivament għoli tal-prezz tal-konsumatur, għalkemm jista' jkun hemm ukoll il-fattur tad-distanzi twal tat-trasport. Il-prezzijiet tal-konsumaturi huma fost l-ogħla fl-UE. Il-kompetizzjoni fil-kummerċ fil-livell tal-konsumaturi għada parzjalment imfixkla mir-regolamenti, minkejja li dawn saru inqas stretti riċentement, u minn ostakli għad-dħul fis-suq u l-ħruġ minnu minn impriżi barranin u domestiċi.

(14) L-impenji speċifiċi skont il-Patt Euro Plus mhumiex stipulati b'mod espliċitu fil-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja imma hu mistenni li jiġu ppreżentati hekk kif jiġi ffurmat il-gvern il-ġdid.

(15) Il-Kummissjoni vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma filwaqt li qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika stabbli fil-Finlandja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE minħabba l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika globali tal-UE. Tqis li l-miżuri ta' konsolidazzjoni għandhom jiġu speċifikati għat-terminu medju u li hemm bżonn ta' aktar azzjoni biex titjieb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, inkluż billi tingħata spinta lill-produttività tas-settur pubbliku. Hemm bżonn ukoll ta' aktar azzjoni biex jiżdiedu l-inċentivi għax-xogħol u biex tiżdied l-età effettiva tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol, kif ukoll biex jissaħħu l-produttività u l-kompetizzjoni fis-swieq tas-settur tas-servizzi.

(16) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, meta jitqiesu wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill eżamina l-aġġornament tal-2011 tal-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) u (2) tiegħu ta' hawn taħt. B'kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja.

JIRRAKKOMANDA li l-Finlandja tieħu azzjoni fil-perjodu 2011-2012 biex:

1. Tkompli l-konsolidazzjoni fiskali billi jintuża kwalunkwe dħul imprevist biex jitnaqqas id-defiċit, filwaqt li jittieħdu miżuri addizzjonali biex il-pożizzjoni fiskali tinżamm ogħla mill-objettiv ta' terminu medju, b'mod partikolari permezz ta' konformità mal-punt ta' riferiment dwar in-nefqa għall-perjodu medju.

2. Tieħu aktar azzjonijiet biex jinkisbu żidiet fil-produttività u ffrankar fil-kost tal-forniment tas-servizz pubbliku, inklużi bidliet strutturali, bħala reazzjoni għall-isfidi li jirriżultaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni.

3. Timmira aħjar lejn miżuri tas-suq tax-xogħol għad-diżokkupati fit-tul u ż-żgħażagħ.

4. Tieħu miżuri biex ittejjeb l-impjegabbiltà ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età u l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tagħlim tul il-ħajja. Tieħu aktar passi, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u f'konformità ma' prattiki nazzjonali, sabiex jiġu mħeġġa l-ħaddiema aktar avvanzati fl-età biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol, permezz ta' miżuri li jnaqqsu t-tluq bikri mix-xogħol u jżidu l-età effettiva tal-irtirar. Fid-dawl tas-sistema diġà eżistenti li torbot il-benefiċċji tal-pensjoni mal-istennija tal-għomor, tikkunsidra rabta bejn l-età statutorja tal-irtirar u al-istennija tal-għomor.

5. Tieħu aktar miżuri biex tiftaħ aktar is-settur tas-servizzi, billi tfassal mill-ġdid il-qafas regolatorju u tneħħi r-restrizzjonijiet biex tiffaċilita d-dħul ġdid fis-swieq tas-settur tas-servizzi, speċjalment fis-settur tal-konsumaturi.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VINCENT-ROSTOWSKI

---

[1] Prevista fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Lulju 2011

## dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tar-Rumanija 2011-2014

(2011/C 216/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-6 ta' Mejju 2009, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/459/KE ([2]) biex ikun hemm disponibbli assistenza finanzjarja għar-Rumanija fuq terminu medju għall-perjodu ta' tliet snin skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 143 tat-Trattat. Il-Memorandum ta' Qbil li jakkumpanjaha, iffirmat fit-23 ta' Ġunju 2009 u s-supplimenti suċċessivi tiegħu jistipulaw il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika li fuqhom kien ibbażat l-għoti tal-għajnuna finanzjarja. Id-Deċiżjoni 2009/459/KE kienet emendata fis-16 ta' Marzu 2010 permezz tad-Deċiżjoni 2010/183/EU ([3]). Wara li r-Rumanija implimentat b'suċċess il-programm, u hekk kif kien hemm aġġustament parzjali tal-kont kurrenti minħabba d-dgħjufijiet strutturali li għad hemm fis-swieq tal-prodott u tax-xogħol tar-Rumanija u li jagħmlu lill-pajjiż sensittiv għax-xokkijiet fil-prezz internazzjonali, fit-12 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/288/UE ([4]) biex ikun hemm għad-disponibilità tar-Rumanija għajnuna finanzjarja prekawzjonarja fuq terminu ta' żmien medju għal perjodu ta' tliet snin skont l-Artikolu 143 tat-Trattat. Il-Memorandum ta' Qbil li jakkumpanjaha ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju 2011.

(2) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(3) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ([5]), li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi nazzjonali tagħhom.

(4) Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li kien il-bidu ta' ċiklu ġdid ta' governanza ekonomika fl-UE u l-ewwel semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew endorsja l-prijoritajiet għall-konsolidazzjoni fiskali u r-riforma strutturali (bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'żieda mal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir mill-Kummissjoni). Hu saħaq il-ħtieġa li tingħata prijorità lir-restawr ta' baġits tajbin u s-sostenibilità fiskali, lit-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jittejjeb it-tkabbir. Talab lill-Istati Membri biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabilità jew ta' Konverġenza u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

(6) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin għall-inklużjoni fil-Programmi ta' Stabilità jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(7) Fit-2 ta' Mejju 2011, ir-Rumanija ressqet il-Programm ta' Konverġenza aġġornat għall-2011 li jkopri l-perjodu 2011-2014 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2011. Dawn iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8.
([3]) ĠU L 83, 30.3.2010, p. 19.
([4]) ĠU L 132, 19.5.2011, p. 15.
([5]) Miżmuma għall-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 56).

(8) Bejn l-2002 u l-2008 l-ekonomija Rumena bdiet tikber b'mod qawwi, bi tkabbir reali tal-PDG ikun medja ta' 6,3 %, aktar mil-livell ta' tkabbir potenzjali tiegħu. It-tkabbir ekonomiku kien primarjament immexxi mid-domanda domestika hekk kif kreditu b'saħħtu u żviluppi fil-paga bdew jagħtu spinta 'l quddiem lill-konsum u lill-investiment privat. Dan it-tkabbir kien alimentat ukoll minn influssi ta' kapital barrani, li wassal għal tkabbir mgħaġġel wisq (overheating) u żbilanċi esterni u fiskali mhux sostenibbli. Id-defiċit tal-kont kurrenti laħaq massimu ta' 13,4 % tal-PDG fl-2007 u naqas biss marġinalment għal 11,6 % tal-PDG fl-2008. Skont il-valutazzjoni dwar is-sostenibbiltà fit-tul l-aktar riċenti tal-Kummissjoni, jidher li r-riskji fir-rigward tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi huma għoljin. Madankollu, din il-valutazzjoni għadha mhux qed tieħu kont tal-miżuri dwar ir-riforma komprensiva tal-pensjonijiet li ttieħdu fl-2010, li tejbu sostanzjalment is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet tar-Rumanija. Il-livell għoli ta' self estern kien immexxi minn politika fiskali proċiklika, b'defiċits ewlenin li jiżdiedu minn 1,2 % tal-PDG fl-2005 għal 5,7 % tal-PDG fl-2008 bħala riżultat ta' telf baġitarju rikorrenti, l-aktar fir-rigward tal-infiq li qed isir bħalissa. Il-kriżi finanzjarja u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fuq livell globali li jirriżulta minn din il-kriżi, żiedu l-evitar tar-riskju fost l-investituri, u dan wassal għal restrizzjoni sinifikanti fuq il-flussi tal-kapital lejn ir-Rumanija. Ma kienx hemm żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol minkejja l-kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli u r-rata ta' impjiegi nbidlet ftit ħafna waqt is-snin ta' tkabbir. Ir-rata ta' impjieg imbagħad naqset għal 63,3 % sal-2010 filwaqt li r-rata tal-qgħad żdiedet minn 5,8 % fl-2008 għal 7,3 % fl-2010 bħala riżultat tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Il-livell tal-qgħad baqa' partikolarment għoli fost gruppi vulnerabbli, pereżempju l-popolazzjoni Rom. F'dan l-isfond u hekk kif kienu qed jaffrontaw ħtiġijiet finanzjarji privati kbar, l-awtoritajiet Rumeni talbu għall-għajnuna finanzjarja internazzjonali u dik tal-UE f'Mejju 2009.

(9) Wara implimentazzjoni b'suċċess tal-programm ta' aġġustament UE-FMI u sabiex ikun ikkonsolidat dan il-ksib pożittiv, kien innegozzjat mal-awtoritajiet programm prekawzjonarju UE-FMI għall-2011-2013. Dak il-programm il-ġdid ikompli l-konsolidazzjoni fiskali, ir-riformi ta' governanza fiskali u l-ħarsien tal-istabilità finanzjarja mibdija bil-programm għall-2009-2011. Barra dan, jenfasizza ħafna r-riformi strutturali fis-swieq tal-prodott (fis-setturi tal-enerġija u t-trasport) u tax-xogħol meħtieġa sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal għal tkabbir li għandha r-Rumanija, iħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi u jżid l-impenn tal-fondi tal-UE. Ir-Rumanija tibqa' fit-triq it-tajba sabiex tikseb l-għan tad-defiċit tal-kontanti ta' 4,4 % tal-PDG fl-2011 (taħt il-5 % tal-PDG f'termini tas-Sistema Ewropea tal-Kontabilità). Dan jipprovdi wkoll bażi xierqa biex tintlaħaq il-mira tad-defiċit ta' taħt it-3 % tal-PDG għall-2012, għalkemm ikunu jridu jittieħdu miżuri addizzjonali skont it-tbassir għar-rebbiegħa 2011 tas-rervizzi tal-Kummissjoni. L-awtoritajiet ħadu wkoll passi sabiex jilħqu l-objettivi għar-riforma strutturali tal-programm il-ġdid u jkomplu jżommu l-istabilità finanzjarja.

(10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza aġġornat skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li l-assunzjonijiet makroekonomiċi sottostanti għall-proġettazzjonijiet fil-programm huma plawsibbli. Il-Programm ta' Konverġenza għandu l-għan li jikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2012, skadenza stabbilita mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2010. Il-programm jimmira defiċits nominali ta' 2,6 % tal-PDG fl-2013 u ta' 2,1 % tal-PDG fl-2014, bil-konsolidazzjoni prevista tkun ibbażata l-aktar fuq in-nefqa. Skont il-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-objettiv ta' terminu medju (OTM) mhux se jintlaħaq fil-perjodu tal-programm. L-istrateġija ta' konsolidazzjoni tidher li diġà hija ingranata bit-titjib strutturali jkun ikkonċentrat fl-2011 u l-2012. Bil-kontra ta' dan, ma hemm l-ebda titjib fil-bilanċ strutturali fl-2013 u fl-2014. It-triq tad-defiċit prevista hija waħda xierqa fl-2011 u l-2012, iżda mhux fl-2013 u l-2014. Ir-riskji prinċipali għall-miri baġitarji huma r-riskji tal-implimentazzjoni, l-arretrati tal-intrapriżi tal-istat li jirrappreżentaw obbligazzjoni kontinġenti importanti għall-baġit u r-riservi espressi mill-Kummissjoni (Eurostat) fir-rigward tan-notifika dwar il-proċedura għal defiċit eċċessiv tar-Rumanija ([1]). Fid-dawl ta' dan, ir-Rumanija impenjat ruħha li tagħti prijorità għat-titjib il-ġbir tal-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern fl-ESA 95 fi ħdan l-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika.

(11) Ir-Rumanija kkomunikat l-impenji tagħha skont il-Patt Euro Plus fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza tagħha, li kienu sottomessi fit-2 ta' Mejju 2011. Il-maġġoranza ta' dawn l-impenji kienu jew qiegħdin fil-proċess li jkunu implimentati bħala parti mill-programm ta' assistenza finanzjarja fuq terminu medju u huma ġeneralment xierqa sabiex jindirizzaw sfidi eżistenti skont il-Patt.

(12) Il-Kummissjoni vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, inkluż l-impenji tal-Patt Euro Plus. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fir-Rumanija imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

([1]) L-Eurostat wera riservi li għandu fir-rigward tal-kwalità taċ-ċifri Rumeni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv minħabba:
(i) inċertezzi dwar l-impatt ta' xi korporazzjonijiet pubbliċi fuq id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika,
(ii) ir-rappurtar tal-kategoriji ESA95 "kontijiet oħra riċevibbli u pagabbli",
(iii) in-natura u l-impatt ta' xi tranżazzjonijiet finanzjarji u
(iv) il-konsolidazzjoni tal-flussi intragovernattivi.

(13) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, meta jitqiesu wkoll ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Frar 2010, il-Kunsill eżamina l-aġġornament tal-2011 tal-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa fir-rakkomandazzjoni ta' hawn isfel. Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tar-Rumanija,

JIRRAKKOMANDA li r-Rumanija:

Timplimenta l-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/459/KE hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/183/UE, kif ukoll il-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/288 u speċifikati aktar fil-Memorandum ta' Qbil tat-23 ta' Ġunju 2009 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu, u fil-Memorandum ta' Qbil tad-29 ta' Ġunju 2011 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VINCENT-ROSTOWSKI

([1]) Previst fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet

(2011/C 216/04)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1],

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### 1. **INTRODUZZJONI**

1. Fil-15 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni adottat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet ("il-Proposta") [3]. L-għan ewlieni tal-Proposta huwa li tistabbilixxi regoli komuni li jżidu s-sikurezza u l-effikaċja tas-suq tad-derivati barra l-Borża (OTC - over-the-counter).

2. Il-KEPD ma ġiex ikkonsultat mill-Kummissjoni, minkejja li dan huwa mitlub mill-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ("Regolament (KE) Nru 45/2001"). Għalhekk, billi aġixxa fuq inizjattiva tiegħu stess, il-KEPD adotta l-Opinjoni preżenti fuq il-bażi tal-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

3. Il-KEPD huwa konxju li dan il-parir jiġi fi stadju relattivament tard fil-proċess leġiżlattiv. Madankollu, huwa jsibu xieraq u utli sabiex joħroġ din l-Opinjoni. L-ewwel nett, huwa jenfasizza l-implikazzjonijiet potenzjali tal-protezzjoni tad-data tal-Proposta. It-tieni, l-analiżi ppreżentata fl-Opinjoni preżenti hija direttament rilevanti għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u għal proposti pendenti u possibbli oħrajn fil-futur li jkun fihom dispożizzjonijiet simili, kif ser jiġi spjegat fis-Sezzjoni 3.4 ta' din l-Opinjoni.

### 2. **SFOND U ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA**

4. B'riżultat tal-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni bdiet u ppreżentat reviżjoni tal-qafas legali eżistenti għas-sorveljanza finanzjarja sabiex tlaħħaq man-nuqqasijiet importanti identifikati f'dan il-qasam kemm f'każijiet partikolari u fir-rigward tas-sistema finanzjarja b'mod ġenerali. Riċentament ġew adottati għadd ta' proposti leġiżlattivi f'dan il-qasam bil-għan li jissaħħu l-arranġamenti superviżorji eżistenti u jittejbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE.

5. B'mod partikolari, ir-riforma introduċiet qafas Ewropew imsaħħaħ ta' sorveljanza finanzjarja kompost minn Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [4] u Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (ESFS). L-ESFS jikkonsisti minn netwerk ta' superviżuri finanzjarji nazzjonali li jaħdmu flimkien ma' tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej ġodda, jiġifieri l-Awtorità Bankarja Ewropea [5] (EBA), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[3] COM(2010) 484 finali.

[4] Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).
[5] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

tax-Xogħol ([6]) (EIOPA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) ([7]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat serje ta' inizjattivi speċifiċi biex timplimenta r-riforma regolatorja fir-rigward tal-oqsma speċifiċi jew il-prodotti finanzjarji.

6. Waħda minn dawn hija l-proposta preżenti li tittratta d-"derivati barra l-Borża", *jiġifieri* dawk il-prodotti derivati ([8]) li mhumiex innegozjati permezz ta' kambju fis-suq, iżda minflok huma nnegozjati privatament bejn żewġ kontropartijiet. Hija tintroduċi l-obbligu għall-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji kollha li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet ta' limitu sabiex jikklerjaw id-derivati OTC standardizzati kollha permezz tal-Kontropartijiet Ċentrali (CCPs). Barra minn hekk, ir-regolament propost għandu jobbliga lil dawk il-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji biex jirrapportaw id-dettalji ta' kull kuntratt derivat u kwalunkwe modifika tiegħu lil repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrati. Il-Proposta tistabbilixxi wkoll, rekwiżiti organizzattivi u prudenzjali armonizzati għas- CCPs u rekwiżiti organizzattivi u operattivi għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jżommu r-responsabbiltà li jawtorizzaw u jissorveljaw lis-CCPs, ir-reġistrazzjoni u s-sorveljanza tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet huma fdati kompletament lill-AETS skont ir-regolament propost.

## 3. ANALIŻI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW L-AĊĊESS GĦAR-REKORDS TAT-TELEFON U TAT-TRAFFIKU TAD-DATA

### 3.1. Osservazzjonijiet ġenerali

7. L-Artikolu 61(2)(ċ) tal-Proposta jawtorizza lill-AETS biex "*titlob* ir-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data" (enfasi miżjuda). Kif ser ikompli jiġi spjegat hawn taħt, l-ambitu tad-dispożizzjoni u b'mod partikolari t-tifsira eżatta tar-"rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data" mhijiex ċara. Madankollu, jidher li x'aktarx – jew għall-inqas ma jistax ikun eskluż – li r-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data kkonċernati jkunu jinkludu data personali skont it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 u, sakemm ikun rilevanti, id-Direttiva 2002/58/KE (li issa qiegħda tissejjaħ, kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE, "id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika"), *jiġifieri* data relatata mat-traffiku tat-telefon u tad-data ta' persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli ([9]). Sakemm dan ikun il-każ, għandu jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar ġust u legali tad-data personali, kif stipulati fid-Direttivi u r-Regolament, jiġu rrispettati bis-sħiħ.

8. Id-data relatata mal-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni elettronika tista' twassal firxa wiesgħa ta' informazzjoni personali, bħall-identità tal-persuni li jagħmlu u jirċievu t-telefonata, il-ħin u t-tul tat-telefonata, in-netwerk użat, il-lokazzjoni ġeografika tal-utent fil-każ tat-tagħmir portabbli, eċċ. Barra minn hekk, ċerta data tat-traffiku relatata mal-użu tal-internet u l-e-mail (pereżempju, il-lista ta' websajts li żaru l-utenti) tista' tiżvela dettalji importanti tal-kontenut tal-komunikazzjoni. Barra minn hekk, l-ipproċessar tad-data tat-traffiku jmur kontra s-segretezza tal-korrispondenza. Fid-dawl ta' dan, id-Direttiva 2002/58/KE stabbilixxiet il-prinċipju li d-data tat-traffiku għandha titħassar jew issir anonima meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-iskop tat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni ([10]). L-Istati Membri jistgħu jinkludu derogi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal għanijiet leġittimi speċifiċi, iżda dawn għandhom ikunu neċessarji, xierqa u proporzjonati f'soċjetà demokratika bil-għan li jintlaħqu dawn l-għanijiet ([11]).

9. Il-KEPD jirrikonoxxi li l-għanijiet segwiti mill-Kummissjoni fil-każ preżenti huma leġittimi. Huwa jifhem il-ħtieġa għal inizjattivi li jkunu mmirati biex isaħħu s-superviżjoni tas-swieq finanzjarji sabiex tiġi ppriservata l-kwalità tagħhom, filwaqt li l-investituri u l-ekonomija b'mod ġenerali jkunu mħarsa aħjar. Madankollu, is-setgħat investigattivi li huma relatati direttament mad-data tat-traffiku, meta wieħed iqis in-natura potenzjalment intrużiva tagħhom, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tan-neċessità u l-proporzjonalità, jiġifieri huma għandhom ikunu limitati għal dak li huwa xieraq sabiex jintlaħaq l-għan segwit u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dak il-għan ([12]). Għalhekk, f'din il-perspettiva, huwa essenzjali li

([6]) Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

([7]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([8]) Derivat huwa kuntratt finanzjarju marbut mal-valur jew l-istatus tal-futur ta' titolu sottostanti li jirreferi għalih (pereżempju, l-iżvilupp tar-rati tal-imgħax jew tal-valur ta' munita).

([9]) Normalment l-impjegati li lilhom jista' jiġi imputat it-traffiku tat-telefon u tad-data, kif ukoll ir-riċevituri u utenti oħrajn ikkonċernati.

([10]) Ara l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE, (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 45).

([11]) Ara l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE, li jistabbilixxi li tali restrizzjonijiet għandhom jikkostitwixxu miżura neċessarja, xierqa u proporzjonata f'soċjetà demokratika biex tħares is-sigurtà nazzjonali (jiġifieri s-sigurtà tal-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew tal-użu mhux awtorizzat tas-sistema tal-komunikazzjoni elettronika, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46/KE. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu, fost l-oħrajn, jadottaw miżuri leġiżlattivi li jipprovdu għaż-żamma tad-data għal perjodu limitat iġġustifikat għar-raġunijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu.

([12]) Ara, pereżempju, il-Kawżi Konġunti C-92/09 u C-93/09, *Volker und Markus Schecke GbR (C-92/09), Hartmut Eifert (C-92/09) vs Land Hessen*, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra, punt 74.

dawn ikunu fformulati b'mod ċar fir-rigward tal-ambitu personali u materjali tagħhom, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom u l-kundizzjonijiet li fuqhom jistgħu jintużaw. Barra minn hekk, għandhom jiġu pprovduti salvagwardji adegwati għal kontra r-riskju ta' abbuż.

### 3.2. **L-ambitu tas-setgħa tal-AETS mhuwiex ċar**

10. L-Artikolu 61(2)(c) jistabbilixxi li "sabiex twettaq id-doveri stipulati fl-Artikoli 51 sa 60, 62 u 63 (jiġifieri doveri relatati mas-sorveljanza tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet), l-AETS għandu jkollha […] (is-setgħa) li titlob ir-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data". Minħabba l-formulazzjoni wiesgħa tagħha, id-dispożizzjoni tqajjem diversi dubji dwar il-materjal u l-ambitu personali tagħha.

11. L-ewwel nett, it-tifsira ta' "rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data" mhijiex ċara għal kollox u għalhekk jeħtieġ li tiġi ċċarata. Id-dispożizzjoni tista' tirreferi għal rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data, li r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet huma obbligati li jżommu matul il-kors tal-attivitajiet tagħhom. Bosta dispożizzjonijiet tar-regolament propost jikkonċernaw ir-rekwiżiti taż-żamma tar-rekords mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([13]). Madankollu, ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tispeċifika jekk u liema rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data għandhom jinżammu mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([14]). Għalhekk, f'każ li d-dispożizzjoni tirreferi għar-reġistri li jinżammu mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, huwa essenzjali li jiġu definiti b'mod preċiż il-kategoriji ta' traffiku tat-telefon u tad-data li għandhom jinżammu u li jistgħu jintalbu mill-AETS. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, tali data għandha tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva b'relazzjoni mal-għanijiet superviżorji li għalihom tiġi pproċessata ([15]).

12. Hemm bżonn ta' aktar preċiżjoni, partikolarment fil-każ preżenti, b'kunsiderazzjoni tal-multi kbar u l-ħlasijiet penali perjodiċi li r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet u persuni oħrajn (inklużi persuni fiżiċi fir-rigward tal-ħlasijiet penali perjodiċi) ikkonċernati jistgħu jeħlu għal ksur tar-regolament propost (ara l-Artikoli 55 u 56). Multi bħal dawn jistgħu jilħqu 20 fil-mija tad-dħul jew fatturat annwali tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet fis-sena kummerċjali preċedenti, jiġifieri limitu li huwa darbtejn daqs il-limitu massimu previst għal ksur tal-liġi Ewropea dwar il-kompetizzjoni.

13. Għandu jiġi innotat ukoll li l-paragrafu 4 tal-Artikolu 67 iċċitat hawn fuq, jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta standards regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-informazzjoni li r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għandhom jagħmlu disponibbli b'mod obbligatorju għall-AETS u awtoritajiet oħrajn. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tista' tintuża biex tkompli tispeċifika r-rekwiżiti għaż-żamma tar-rekords mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet u għalhekk, indirettament, is-setgħa mogħtija mill-AETS sabiex ikun hemm aċċess għar-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data. L-Artikolu 290 tat-TFUE jistabbilixxi li att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tkun tista' tissupplimenta jew temenda *l-elementi mhux essenzjali* tal-att leġiżlattiv. Skont il-KEPD, il-perimetru eżatt tas-setgħa għall-aċċess għad-data dwar it-traffiku ma jistax jitqies bħala element mhux essenzjali tar-regolament. Għalhekk, l-ambitu materjali tiegħu għandu jiġi speċifikat direttament fit-test tar-regolament u mhux jiġi differit għall-atti ddelegati fil-futur.

14. Hemm dubji simili madwar l-ambitu personali tad-dispożizzjoni kkonċernata. B'mod partikolari, id-destinatarji potenzjali ta' talba biex jiġu pprovduti r-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data mhumiex speċifikati fl-Artikolu 61(2)(ċ). Mhuwiex ċar, b'mod partikolari, jekk is-setgħat li jintalbu r-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data humiex limitati biss għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([16]). Billi l-iskop tad-dispożizzjoni huwa li din tippermetti lill-AETS twettaq is-sorveljanza tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, il-KEPD huwa tal-opinjoni li din is-setgħa għandha tkun limitata strettament għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet biss.

15. Fl-aħħar nett, il-KEPD jifhem li l-għan tal-Artikolu 61(2)(ċ) mhuwiex li jippermetti lill-AETS tikseb aċċess għad-data tat-traffiku direttament mingħand il-fornituri tat-telekomunikazzjoni. Din tidher li hija l-konklużjoni loġika, partikolarment meta jiġi kkunsidrat il-fatt li l-Proposta ma

([13]) Pereżempju, il-Premessa 44 tgħid li r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu suġġetti għal rekwiżiti stretti dwar iż-żamma tar-rekords u l-ġestjoni tad-data. L-Artikolu 66 jispeċifika li repożitorju tat-tranżazzjonijiet "għandu jirreġistra minnufih l-informazzjoni li jirċievi skont l-Artikolu 6 u għandu jżommha għal mill-inqas għaxar snin wara t-terminazzjoni tal-kuntratti rilevanti. Huwa għandu japplika proċeduri f'waqthom u effikaċi għaż-żamma tar-rekords sabiex jiddokumenta l-bidliet fl-informazzjoni rreġistrata [sic]". L-Artikolu 67 jistabbilixxi wkoll li "repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jagħmel l-informazzjoni meħtieġa disponibbli" għall-AETS u għal diversi awtoritajiet kompetenti oħrajn.

([14]) L-espressjoni "rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data" tista' potenzjalment tinkludi varjetà wiesgħa ta' informazzjoni, inkluż it-tul, iż-żmien jew il-volum ta' komunikazzjoni, il-protokoll użat, il-lokazzjoni tat-tagħmir terminali ta' min jibgħat jew jirċievi, in-netwerk li fuqu tibda jew tispiċċa l-komunikazzjoni, il-bidu, it-tmiem jew it-tul ta' konnessjoni jew saħansitra l-lista ta' websajts miżjura u l-kontenut tal-komunikazzjonijiet infushom f'każ li jiġu rreġistrati. Sakemm dawn ikunu relatati ma' persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli, din l-informazzjoni kollha tikkostitwixxi data personali.

([15]) Ara l-Artikolu 6(1)(ċ) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 4(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll jekk jistgħux jitfasslu salvagwardji speċifiċi sabiex jiġi evitat li tinġabar u tiġi pproċessata data li tikkonċerna użu ġenwinament privat.

([16]) L-Artikolu 56(1)(ċ), li jippermetti lill-Kummissjoni, fuq it-talba tal-AETS, timponi ħlasijiet penali perjodiċi fuq impjegati ta' repożitorju tat-tranżazzjonijiet jew fuq persuni oħrajn relatati ma' repożitorju tat-tranżazzjonijiet sabiex iġġegħelhom jissottomettu ruħhom għal investigazzjoni mnedija mill-AETS skont l-Artikolu 61(2), jista' (mhux intenzjonalment) jissuġġerixxi mod ieħor.

tirreferix għad-data miżmuma mill-fornituri tat-telekomunikazzjoni jew għar-rekwiżiti stipulati mid-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika kif imsemmi fil-punt 8 aktar 'il fuq ([17]). Madankollu, għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa jirrakkomanda li din il-konklużjoni ssir aktar espliċita fl-Artikolu 61(2) jew għall-inqas fi premessa tar-regolament propost.

### 3.3. Il-Proposta ma tindikax iċ-ċirkostanzi li fihom, u l-kundizzjonijiet li taħthom jista' jintalab l-aċċess

16. L-Artikolu 61(2)(ċ) ma jindikax iċ-ċirkostanzi li fihom, u l-kundizzjonijiet li taħthom jista' jintalab l-aċċess. Huwa lanqas ma jipprovdi garanziji proċedurali importanti jew salvagwardji kontra r-riskju ta' abbużi. Fil-paragrafi li ġejjin, il-KEPD ser jagħmel xi suġġerimenti konkreti f'din id-direzzjoni.

(a) Skont l-Artikolu 61(2), l-AETS tista' titlob aċċess għar-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data "sabiex twettaq id-doveri stipulati fl-Artikoli 51 sa 60, 62 u 63". Dawn l-Artikoli jkopru t-Titolu kollu tar-regolament propost dwar ir-reġistrazzjoni u s-sorveljanza tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Skont il-KEPD, iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet għall-użu ta' din is-setgħa għandhom jiġu definiti b'mod aktar ċar. Il-KEPD jirrakkomanda li l-aċċess għar-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data jiġi limitat għal ksur serju u identifikat b'mod speċifiku tar-regolament propost u f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm suspett raġonevoli (li għandu jiġi appoġġjat minn evidenza inizjali konkreta) li sar xi ksur. Tali limitazzjoni hija wkoll partikolarment importanti bil-għan li jiġi evitat li s-setgħa tal-aċċess tkun tista' tintuża għall-iskop ta' operazzjonijiet ta' 'sajd' jew estrazzjoni tad-data jew għal skopijiet differenti.

(b) Il-Proposta ma teħtieġx awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel sabiex l-AETS tkun tista' titlob aċċess għar-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data. Il-KEPD iqis li dan ir-rekwiżit ġenerali għandu jkun ġustifikat fid-dawl tal-indħil potenzjali tas-setgħa kkonċernata. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li l-liġijiet ta' ċerti Stati Membri jimponu awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel għal kwalunkwe tip ta' interferenza mas-segretezza tal-korrispondenza u, għalhekk, jipprekludu lil korpi oħrajn tal-infurzar tal-liġi (i.e. forzi tal-pulizija) u istituzzjonijiet ta' natura amministrattiva minn tali interferenza mingħajr din is-superviżjoni stretta ([18]). Mill-inqas, il-KEPD iqis li huwa inevitabbli li awtorizzazzjoni ġudizzjarja ssir obbligatorja kull meta tintalab awtorizzazzjoni bħal din mil-liġi nazzjonali ([19]).

(c) Il-KEPD jirrakkomanda li jiġi introdott ir-rekwiżit għall-AETS li titlob rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data permezz ta' deċiżjoni formali li tispeċifika l-bażi legali u l-iskop tat-talba u x'informazzjoni hija meħtieġa, il-limitu ta' żmien li matulu għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni, kif ukoll id-dritt tad-destinatarju li jkollu d-deċiżjoni riveduta mill-Qorti tal-Ġustizzja. Kwalunkwe talba li ssir fin-nuqqas ta' deċiżjoni formali m'għandhiex torbot lid-destinatarju.

(d) Għandhom jingħataw salvagwardji proċedurali adegwati kontra abbużi possibbli. F'dan ir-rigward, il-Proposta tista' titlob lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri implimentattivi li jistabbilixxu fid-dettall il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet u mill-AETS fl-ipproċessar ta' tali data. Dawn l-atti għandhom jispeċifikaw, b'mod partikolari, miżuri ta' sigurtà adegwati, kif ukoll garanziji xierqa kontra r-riskju ta' abbużi, inklużi, iżda mhux limitati għal, l-istandards professjonali li għandhom josservaw il-persuni kompetenti li jittrattaw din id-data, kif ukoll il-proċeduri interni li jiżguraw osservanza xierqa tad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali. Il-KEPD għandu jiġi kkonsultat matul il-proċedura relatata mal-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn.

### 3.4. Ir-Rilevanza tal-Opinjoni preżenti għal strumenti legali oħrajn li fihom dispożizzjonijiet simili

17. Is-setgħa għall-awtoritajiet ta' sorveljanza li jitolbu aċċess għar-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data mhijiex ġdida fil-leġiżlazzjoni Ewropea, minħabba li hija diġà prevista f'diversi direttivi u regolamenti eżistenti li jikkonċernaw is-settur finanzjarju. B'mod partikolari, id-Direttiva dwar l-abbuż tas-suq ([20]), id-Direttiva MIFID ([21]), id-Direttiva UCITS ([22]) u r-Regolament attwali dwar l-aġenziji li

([17]) Kif intqal, id-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika tistabbilixxi l-prinċipju ġenerali li d-data dwar it-traffiku għandha tithassar jew issir anonima meta ma tkunx aktar meħtieġa għall-iskop tat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni. Tali data tista' tkompli tiġi pproċessata biss biex isiru l-kontijiet tal-abbonati u l-ħlasijiet ta' interkonnessjoni u sat-tmiem tal-perjodu li matulu l-kont jista' legalment jiġi kkontestat jew inkella jsir il-ħlas. Kwalunkwe deroga għal dan il-prinċipju għandha tkun neċessarja, xierqa u proporzjonata f'soċjetà demokratika għal skopijiet speċifiċi ta' ordni pubblika (jiġifieri sabiex tiġi mħarsa s-sigurtà nazzjonali (i.e. is-sigurtà tal-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika jew il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew tal-użu mhux awtorizzat tas-sistemi ta' komunikazzjoni elettronika).

([18]) Il-Kostituzzjoni Taljana, pereżempju, titlob li kwalunkwe interferenza mas-segretezza tal-korrispondenza, inkluż l-aċċess għad-data tat-traffiku li ma tiżvelax il-kontenut tal-komunikazzjonijiet, tiġi ordnata jew awtorizzata minn membru tal-ġudikatura.

([19]) Rekwiżit simili ġie introdott fil-verżjoni emendata tal-Proposta CRA vvotata mill-Parlament Ewropew f'Diċembru 2010.

([20]) Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq), (ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16).

([21]) Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

([22]) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

jiggradaw il-kreditu ([23]), ilkoll fihom dispożizzjonijiet imfassla b'mod simili. L-istess jgħodd għal għadd ta' proposti riċenti li ġew adottati mill-Kummissjoni, jiġifieri l-proposti għal Direttiva dwar maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv ([24]), Regolament li jemenda r-Regolament eżistenti dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([25]), Regolament dwar il-bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu ([26]) u Regolament dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija ([27]).

18. Fir-rigward ta' dawn l-istrumenti leġiżlattivi eżistenti u proposti, għandha ssir distinzjoni bejn is-setgħat investigattivi mogħtija lill-awtoritajiet nazzjonali u l-għoti ta' dawn is-setgħat lill-awtoritajiet tal-UE. Bosta strumenti jobbligaw lill-Istati Membri jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet nazzjonali biex jitolbu r-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data "b'konformità mal-liġi nazzjonali" ([28]). Bħala konsegwenza, l-eżekuzzjoni attwali ta' dan l-obbligu hija neċessarjament suġġetta għal-liġi nazzjonali, inkluża dik li timplimenta d-Direttivi 95/46/KE u 2002/58 u liġijiet nazzjonali oħrajn li fihom aktar salvagwardji proċedurali għall-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u investigazzjoni.

19. Fl-istrumenti ma nsibu ebda kundizzjoni bħal din li tagħti s-setgħa direttament lill-awtoritajiet tal-UE sabiex jitolbu r-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data, bħal fil-proposta preżenti dwar id-derivati OTC u l-proposta msemmija fuq għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (il-"Proposta CRA"). Bħala konsegwenza, f'dawn il-każijiet hemm ħtieġa saħansitra aktar b'saħħitha li fl-istrument leġiżlattiv innifsu jiġu kkjarifikati l-ambitu personali u materjali ta' din is-setgħa u ċ-ċirkostanzi li fihom, u l-kundizzjonijiet li taħthom tista' tintuża, kif ukoll li jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji adegwati kontra l-abbuż.

20. F'dan ir-rigward, l-osservazzjonijiet li saru fl-Opinjoni preżenti, għalkemm huma intiżi għall-proposta dwar id-derivati OTC, għandhom rilevanza aktar ġenerali. Il-KEPD huwa konxju li fir-rigward tal-leġiżlazzjoni li diġà ġiet adottata jew li waslet biex tiġi adottata, jista' jkun li dawn il-kummenti jaslu tard wisq. Madankollu, huwa jistieden lill-istituzzjonijiet biex jirriflettu fuq il-ħtieġa li jemendaw il-proposti pendenti sabiex jittieħed kont tat-tħassib espress fl-Opinjoni preżenti. Fir-rigward tat-testi li diġà ġew adottati, il-KEPD jistieden lill-istituzzjonijiet biex ifittxu għal possibbiltajiet li jiġu ċċarati l-affarijiet, pereżempju fejn l-ambitu tad-dispożizzjoni kkonċernata jista' jkun direttament jew indirettament speċifikat fl-atti delegati jew implimentattivi, pereżempju atti li jiddefinixxu d-dettalji tar-rekwiżiti għaż-żamma tar-rekords, avviżi interpretattivi jew dokumenti komparabbli oħrajn ([29]). Il-KEPD jistenna li l-Kummissjoni tikkonsultah fi żmien tajjeb fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri relatati.

## 4. TĦASSIB FIR-RIGWARD TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA RELATAT MA' PARTIJIET OĦRAJN TAL-PROPOSTA

21. Il-KEPD iqis li huwa xieraq li jagħmel kummenti addizzjonali fuq xi punti oħrajn tal-Proposta li jirrelataw mad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data tal-individwi.

### 4.1. L-applikabbiltà tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001

22. Il-premessa 48 ġustament tgħid li huwa essenzjali li l-Istati Membri u l-AETS iħarsu d-dritt tal-persuni fiżiċi meta jipproċessaw id-data personali, skont id-Direttiva 95/46/KE. Il-KEPD jilqa' r-referenza għad-Direttiva fil-premessa. Madankollu, it-tifsira tal-premessa tista' ssir aktar ċara billi tkompli tispeċifika li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament huma mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE. Preferibbilment, tali referenza għandha tiġi inkluża wkoll f'dispożizzjoni sostantiva.

23. Barra minn hekk, il-KEPD jinnota li l-AETS hija entità Ewropea suġġetta għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u għas-superviżjoni tal-KEPD. Għalhekk, huwa rrakkomandat li f'dan ir-Regolament tiġi introdotta referenza espliċita, li tispeċifika wkoll li d-dispożizzjonijiet tal-Proposta huma mingħajr preġudizzju għal dan ir-Regolament.

### 4.2. Limitazzjoni tal-iskop, in-neċessità u l-kwalità tad-data

24. Wieħed mill-għanijiet prinċipali tar-regolament propost huwa li jtejjeb it-trasparenza tas-suq tad-derivati OTC u li jtejjeb is-sorveljanza regolatorja ta' dan is-suq. Fid-dawl ta' dan il-għan, il-Proposta tobbliga lill-kontropartijiet finanzjarji u lill-kontropartijiet mhux finanzjarji jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet ta' limitu sabiex jirrapportaw id-dettalji ta' kwalunkwe kuntratt ta' derivat OTC li jkunu daħlu

([23]) Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

([24]) Proposta tat-30 ta' April 2009 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv u li temenda d-Direttivi 2004/39/KE u 2009/…/KE, COM(2009) 207.

([25]) Proposta tat-2 ta' Ġunju 2010 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, COM(2010) 289.

([26]) Proposta tal-15 ta' Settembru 2010 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Bejgħ bin-Nieqes u ċerti aspetti tas-Swaps ta' Inadempjenza tal-Kreditu, COM(2010) 482.

([27]) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija, COM(2010) 726.

([28]) Ara, pereżempju, l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq imsemmija fin-nota 20 f'qiegħ il-paġna. Ara wkoll l-Artikolu 50 tad-Direttiva MIFID, imsemmija fin-nota 21 f'qiegħ il-paġna.

([29]) Pereżempju, l-Artikolu 37 tal-Proposta CRA jippermetti lill-Kummissjoni temenda l-Annessi għar-Regolament, li fihom id-dettalji tar-rekwiżiti għaż-żamma tar-rekords imposti fuq l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu; ara wkoll il-Premessa 10 tal-Proposta CRA li tirreferi għas-setgħa tal-AETS li toħroġ u taġġorna l-linji gwida mhux vinkolanti dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament CRA.

għalih u kwalunkwe modifika jew terminazzjoni tiegħu lil repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrati, (Artikolu 6) ([30]). Tali informazzjoni hija intiża biex tinżamm mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet u biex issir disponibbli minn dawn tal-aħħar għal diversi awtoritajiet għal skopijiet regolatorji (Artikolu 67) ([31]).

25. F'każ li waħda mill-partijiet għal kuntratt derivat suġġetta għall-obbligi tal-ikklerjar u r-rappurtar tkun persuna fiżika, l-informazzjoni dwar din il-persuna fiżika tikkostitwixxi data personali fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46/KE. Għalhekk, it-twettiq tal-obbligi msemmija fuq jikkostitwixxi l-ipproċessar ta' data personali fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 95/46/KE. Anki f'każ li l-partijiet għat-tranżazzjoni ma jkunux persuni fiżiċi, id-data personali xorta waħda tista' tiġi pproċessata fil-qafas tal-Artikoli 6 u 67, bħal pereżempju, l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tad-diretturi tal-kumpaniji. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE (jew tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, skont liema jkunu rilevanti) għandhom ikunu applikabbli għall-operazzjonijiet preżenti.

26. Rekwiżit bażiku tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data huwa li l-informazzjoni għandha tiġi pproċessata għal għanijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi, u li din ma tistax tkompli tiġi pproċessata b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dawk l-għanijiet ([32]). Barra minn hekk, id-data li tintuża sabiex jintlaħqu l-għanijiet għandha tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva b'relazzjoni ma' dak il-għan. Wara analiżi tar-regolament propost, il-KEPD jikkonkludi li s-sistema stabbilita mill-Proposta ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti.

27. Fir-rigward tal-limitazzjoni tal-iskop, għandu jiġi enfasizzat li l-Proposta tonqos milli tispeċifika l-għanijiet tas-sistema ta' rappurtar u, l-aktar importanti, l-għanijiet li għalihom l-informazzjoni li tinżamm mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet tista' tiġi aċċessata mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 67 tal-Proposta. Jidher ċar li referenza ġenerali għall-ħtieġa li tittejjeb it-trasparenza tas-suq tad-derivati OTC mhijiex biżżejjed sabiex tkun konformi mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Dan il-prinċipju jkompli jitpoġġa taħt pressjoni fl-Artikolu 20(3) tar-regolament propost dwar is-"Segretezza professjonali", li, kif inhuwa fformulat bħalissa, jidher li jippermetti l-użu ta' informazzjoni kunfidenzjali rċevuta skont ir-regolament propost għal numru ta' għanijiet addizzjonali u mhux speċifikati b'mod ċar ([33]).

28. Barra minn hekk, il-Proposta tonqos milli tispeċifika t-tip ta' data li ser tiġi rreġistrata, irrappurtata u aċċessata, inkluż kwalunkwe data personali ta' persuni identifikati jew identifikabbli. L-Artikoli 6 u 67 imsemmija fuq jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tkompli tispeċifika l-kontenut tal-obbligi tar-rappurtar u taż-żamma tar-rekords fl-atti ddelegati. Għalkemm il-KEPD jifhem il-ħtieġa prattika tal-użu ta' proċedura bħal din, huwa jixtieq jenfasizza li, sakemm l-informazzjoni li tkun qiegħda tiġi pproċessata skont l-Artikoli msemmija hawn fuq tkun tikkonċerna persuni fiżiċi, ir-regoli u l-garanziji ewlenin tal-protezzjoni tad-data għandhom jiġu stipulati fil-liġi bażika.

29. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 46/95 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 jesiġu li d-data personali għandha tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal mhux aktar milli jkun meħtieġ għall-għanijiet li għalihom tinġabar id-data. Il-KEPD jinnota li l-Proposta ma tistabbilixxi ebda perjodu konkret ta' limitazzjoni għaż-żamma tad-data personali potenzjalment ipproċessata skont l-Artikoli 6, 27 u 67 tar-regolament propost. L-Artikoli 27 u 67 jistabbilixxu biss li r-rekords rilevanti għandhom jinżammu għal *mill-inqas* għaxar snin. Barra minn hekk, dan huwa biss perjodu minimu ta' żamma, li ċertament jikkontradixxi r-rekwiżiti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

30. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-KEPD iħeġġeġ lil-leġiżlatur biex jispeċifika t-tip ta' informazzjoni personali li tista' tiġi pproċessata skont il-Proposta, jiddefinixxi l-għanijiet li għalihom tista' tiġi pproċessata d-data personali mill-entitajiet differenti kkonċernati u jistabbilixxi perjodu preċiż, meħtieġ u proporzjonat għaż-żamma tad-data għall-ipproċessar imsemmi fuq.

([30]) L-Artikolu 6(4) tal-Proposta jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tiddetermina d-dettalji u t-tip tar-rapporti għall-klassijiet differenti ta' derivati, billi jispeċifika li dawn ir-rapporti għandhom jinkludu mill-inqas: a) li jiġu identifikati kif xieraq il-partijiet għall-kuntratt u, fejn ikun differenti, il-benefiċjarju tad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minnu; u b) li jiġu rrappurtati l-karatteristiċi ewlenin tal-kuntratt, inkluż it-tip, il-bażi, il-maturità u l-valur kunċettwali.

([31]) Ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni, p. 11. L-Artikolu 67 jikkonkretizza dan billi jistabbilixxi li repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jagħmel l-informazzjoni meħtieġa disponibbli għal għadd ta' entitajiet, jiġifieri l-AETS, l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-impriżi suġġetti għall-obbligi ta' rappurtar, l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw is-CCPs u l-banek ċentrali rilevanti tal-ESCB.

([32]) Ara, pereżempju, l-Opinjoni tal-KEPD tas-6 ta' Jannar 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni, (ĠU C 101, 20.4.2010, p. 1).

([33]) L-Artikolu 20(3) jaqra kif ġej: "Mingħajr preġudizzju għal każijiet koperti mil-liġi kriminali, l-awtoritajiet kompetenti, l-AETS, il-korpi jew il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi għajr l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali skont dan ir-Regolament jistgħu jużawha biss fit-twettiq tad-doveri tagħhom u sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom, fil-każ tal-awtoritajiet kompetenti, fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jew, fil-każ ta' awtoritajiet, korpi jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn, għall-iskop li għalih kienet ipprovduta lilhom din l-informazzjoni jew fil-kuntest tal-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji speċifikament relatati mat-twettiq ta' dawk il-funzjonijiet, jew it-tnejn. Meta l-AETS, l-awtorità kompetenti jew awtorità, korp jew persuna oħra li tikkomunika l-informazzjoni tagħti l-kunsens tagħha għal dan, l-awtorità li tirċievi l-informazzjoni tista' tużaha għal skopijiet oħrajn."

### 4.3. **Spezzjonijiet fuq il-post**

31. L-Artikolu 61(2)(d) jawtorizza lill-AETS twettaq spezzjonijiet fuq il-post bi jew mingħajr avviż. Mhuwiex ċar jekk dawn l-ispezzjonijiet humiex ser ikunu limitati għall-bini kummerċjali ta' repożitorju tat-tranżazzjonijiet jew jekk humiex ser japplikaw ukoll għall-bini jew l-istabbilimenti privati ta' persuni fiżiċi. L-Artikolu 56(1)(ċ), li jippermetti lill-Kummissjoni, fuq it-talba tal-AETS, timponi ħlasijiet penali perjodiċi fuq impjegati ta' repożitorju tat-tranżazzjonijiet jew fuq persuni oħrajn relatati ma' repożitorju tat-tranżazzjonijiet sabiex iġġegħelhom jissottomettu ruħhom għal spezzjoni fuq il-post ordnata mill-AETS skont l-Artikolu 61(2), jista' (mhux intenzjonalment) jissuġġerixxi mod ieħor.

32. Mingħajr ma jelabora aktar fuq dan il-punt, il-KEPD jirrakkomanda li s-setgħa li jsiru spezzjonijiet fuq il-post (u s-setgħa relatata li jiġu imposti ħlasijiet penali perjodiċi skont l-Artikolu 56) tiġi limitata biss għall-bini kummerċjali tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet u għal persuni *legali* oħrajn relatati magħhom *b'mod sostanzjali u ċar* [34]. F'każ li l-Kummissjoni tabilħaqq tikkunsidra li tippermetti li jsiru spezzjonijiet ta' bini mhux kummerċjali ta' persuni fiżiċi, dan għandu jintwera b'mod ċar u għandhom jiġu previsti rekwiżiti aktar stretti bil-għan li tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità (partikolarment fir-rigward tal-indikazzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom u l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jsiru spezzjonijiet bħal dawn).

### 4.4. **Skambji tad-data u l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop**

33. Diversi dispożizzjonijiet tar-regolament propost jippermettu li jsiru skambji wesgħin ta' data u informazzjoni bejn l-AETS, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi (ara b'mod partikolari l-Artikoli 21, 23 u 62). It-trasferimenti tad-data lil pajjiżi terzi jistgħu jseħħu wkoll meta CCP jew repożitorju tat-tranżazzjonijiet rikonoxxut minn pajjiż terz jipprovdi servizzi lil entitajiet rikonoxxuti fl-Unjoni. Sakemm l-informazzjoni u d-data skambjati jkunu jikkonċernaw persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli, ikunu japplikaw l-Artikoli 7-9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u l-Artikoli 25-26 tad-Direttiva 95/46/KE, skont kif rilevanti. B'mod partikolari, it-trasferimenti lil pajjiżi terzi jistgħu jseħħu biss meta jiġi żgurat livell adegwat ta' protezzjoni f'dawk il-pajjiżi jew meta tapplika xi waħda mid-derogi rilevanti pprovduti mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Għar-raġunijiet ta' ċarezza, fit-test għandha tiġi inkluża referenza espliċita għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u għad-Direttiva 95/46/KE, li tgħid li tali trasferimenti għandhom ikunu konformi mar-regoli applikabbli previsti, rispettivament, fir-Regolament jew fid-Direttiva.

34. Skont il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop [35], il-KEPD jirrakkomanda wkoll li jiġu introdotti limiti ċari dwar it-tip ta' informazzjoni personali li tista' tiġi skambjata u li jiġu definiti l-iskopijiet li għalihom tista' tiġi skambjata d-data personali.

### 4.5. **Il-kontabilità u r-rappurtar**

35. L-Artikolu 68 tal-Proposta fih għadd ta' obbligi ta' rappurtar tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-elementi varji tar-regolament propost. Il-KEPD jirrakkomanda li jiġi introdott ukoll l-obbligu għall-AETS li tirrapporta perjodikament dwar l-użu tas-setgħat investigattivi tagħha, partikolarment is-setgħa li titlob ir-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data. Fid-dawl tas-sejbiet tar-rapport, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi wkoll tagħmel xi rakkomandazzjonijiet, inkluż, jekk ikun xieraq, proposti għar-reviżjoni tar-Regolament.

## 5. **KONKLUŻJONIJIET**

36. Il-proposta preżenti tagħti s-setgħa lill-AETS biex "titlob ir-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data" sabiex twettaq id-doveri relatati mas-superviżjoni tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Sabiex titqies bħala meħtieġa u proporzjonata, is-setgħa li jintalbu r-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data għandha tkun limitata biss għal dak li huwa xieraq sabiex jintlaħaq l-għan segwit u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq. Kif inhi bħalissa, id-dispożizzjoni inkwistjoni ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti minħabba li hija fformulata b'mod wiesa' żżejjed. B'mod partikolari, l-ambitu personali u materjali tas-setgħa, kif ukoll iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet li taħthom tista' tintuża mhumiex speċifikati biżżejjed.

37. Il-kummenti li saru fl-Opinjoni preżenti, għalkemm huma mmirati għall-Proposta tad-derivati OTC, huma rilevanti wkoll għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u għall-proposti pendenti u possibbli fil-futur li jkun fihom dispożizzjonijiet ekwivalenti. Dan huwa partikolarment il-każ meta s-setgħa inkwistjoni tiġi fdata, bħal fil-proposta preżenti, lil awtorità tal-UE mingħajr ma ssir referenza għall-kundizzjonijiet u l-proċeduri speċifiċi stipulati fil-liġijiet nazzjonali (pereżempju, il-Proposta CRA).

38. Wara li kkunsidra l-punti ta' hawn fuq, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur biex:

— Jispeċifika b'mod ċar il-kategoriji tar-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data li r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet huma mitluba li jżommu u/jew jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti. Din id-data għandha tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva b'relazzjoni mal-iskop li għalih tiġi pproċessata;

— Jillimita s-setgħa li jintalab aċċess għar-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet;

[34] Speċifikazzjoni simili ġiet introdotta fil-verżjoni emendata tal-Proposta CRA vvotata mill-Parlament Ewropew f'Diċembru 2010.

[35] Ara l-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

— Jgħid b'mod espliċitu li l-aċċess għat-traffiku tat-telefon u tad-data direttament mingħand il-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni huwa eskluż;

— Jillimita l-aċċess għar-rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data għal ksur identifikat u serju tar-regolament propost u f'każijiet fejn ikun hemm suspett raġonevoli (li għandu jiġi appoġġjat minn evidenza inizjali konkreta) li sar xi ksur;

— Jikkjarifika li r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għandhom jipprovdu rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data biss meta jiġu mitluba jagħmlu dan b'deċiżjoni formali li tispeċifika, fost l-oħrajn, id-dritt li d-deċiżjoni tiġi riveduta mill-Qorti tal-Ġustizzja;

— Jitlob li d-deċiżjoni ma tiġix esegwita mingħajr awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel mill-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat (mill-inqas meta tali awtorizzazzjoni tintalab skont il-liġi nazzjonali);

— Jitlob lill-Kummissjoni tadotta miżuri implimentattivi li jistabbilixxu fid-dettall il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti, inklużi miżuri ta' sikurezza u salvagwardji adegwati.

39. Fir-rigward ta' aspetti oħrajn tal-Proposta, il-KEPD jixtieq li jirreferi għall-kummenti tiegħu li saru taħt is-Sezzjoni 4 tal-Opinjoni preżenti. B'mod partikolari, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur biex:

— Jinkludi referenza għad-Direttiva 95/46/KE u għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 għall-inqas fil-premessi tad-Direttiva proposta u preferibbilment f'dispożizzjoni sostantiva wkoll, li tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tar-regolament propost huma mingħajr preġudizzju għad-Direttiva u għar-Regolament, rispettivament;

— Jispeċifika t-tip ta' informazzjoni personali li tista' tiġi pproċessata skont il-Proposta b'konformità mal-prinċipju tan-neċessità (partikolarment fir-rigward tal-Artikoli 6 u 67), jiddefinixxi l-għanijiet li għalihom tista' tiġi pproċessata d-data personali mill-awtoritajiet/entitajiet differenti kkonċernati u jiffissa perjodi preċiżi, neċessarji u proporzjonati għaż-żamma tad-data għall-ipproċessar imsemmi hawn fuq;

— Jillimita s-setgħa li jitwettqu spezzjonijiet fuq il-post skont l-Artikolu 61(2)(d) u li jimponi ħlasijiet ta' penali perjodiċi skont l-Artikolu 56 biss għal repożitorji tat-tranżazzjonijiet u persuni *legali* oħrajn relatati magħhom b'mod ċar u sostanzjali;

— Jgħid b'mod espliċitu li t-trasferimenti internazzjonali tad-data personali għandhom ikunu konformi mar-regoli rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u mad-Direttiva 95/46/KE, jintroduċi limiti ċari għat-tip ta' informazzjoni personali li tista' tiġi skambjata u jiddefinixxi l-għanijiet li għalihom tista' tiġi skambjata d-data personali.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' April 2011

Giovanni BUTTARELLI

*Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-awtorità awtorizzata biex toħroġ iċ-ċertifikati ta' awtentiċità fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 620/2009

(2011/C 216/05)

Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 tat-13 ta' Lulju 2009, ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* L 182 tal-15 ta' Lulju 2009, infetħet kwota tariffarja għall-importazzjoni tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja.

L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 620/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 jistipula li r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti importati taħt il-kwota għandu jkun soġġett għat-tressiq ta' ċertifikat ta' awtentiċità.

L-awtorità li ġejja hija awtorizzata toħroġ iċ-ċertifikati ta' awtentiċità fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Ministry of Agriculture and Forestry
Pastoral House
25 The Terrace
Wellington
NEW ZEALAND

Indirizz għall-korrispondenza:

Ministry of Agriculture and Forestry
PO Box 2526
Wellington 6140
NEW ZEALAND

Tel. +64 48940100
Fax +64 48940720
Posta elettronika: nzfsa.info@maf.govt.nz
Internet: http://www.maf.govt.nz

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6151 – PetroChina/INEOS/JV)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 216/06)

Fit-13 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32011M6151. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## REGOLI DWAR L-AĊĊESS TAL-PUBBLIKU GĦAD-DOKUMENTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**Deċiżjoni tal-Bureau tat-28 ta' Novembru 2001** [1] [2] [3] [4]

(2011/C 216/07)

IL-BUREAU,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 15(3) tat-TFUE,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 11, 12 u 18,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 23(2), 23(12), 103(1) u l-Artikolu 104 tar-Regolament,

Billi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-aċċess għad-dokumenti ġew stipulati skont l-Artikolu 15(3) tat-TFUE permezz tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill,

Billi, bi qbil mal-Artikolu 255(3) antik tat-Trattat KE u l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-Parlament Ewropew, permezz tad-Deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2001, kien adotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Billi l-Artikolu 104(2), (3) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura jinkariga lill-Bureau jfassal ir-regoli maħsuba biex joħolqu reġistru ta' referenzi tad-dokumenti, jistabbilixxu l-proċeduri għall-aċċess u jagħżlu l-organi responsabbli mill-ipproċessar tat-talbiet ta' aċċess,

Billi l-miżuri li jirreferu għas-sistema ta' ħlas għall-ħruġ tad-dokumenti għandhom jiġu addattati għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 sabiex tiġi speċifikata l-ispiża addizzjonali li jrid iħallas l-applikant fil-każ li jintbagħtu dokumenti b'volum kbir,

Billi donnu li hu xieraq li l-miżuri dwar il-funzjonament tar-reġistru tad-dokumenti tal-Parlament Ewropew jinġabru f'deċiżjoni waħda, bil-għan li tiżdied it-trasparenza fir-rigward taċ-ċittadini,

Billi r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma jagħtix lok li jitqies ir-rwol ta' applikant u billi d-deċiżjonijiet adottati skont dan ir-regolament jipproduċu effett *erga omnes*. Dan ifisser li l-Membri u l-persunal tal-Istituzzjonijiet għandhom drittijiet ta' aċċess privileġġati rikonoxxuti permezz tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u r-Regolamenti tal-Persunal, li huma jistgħu jużaw, minflok jirrikorru għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001,

Billi r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u din id-Deċiżjoni lanqas ma jirregolaw l-aċċess u t-trażmissjoni tad-dokumenti bejn l-istituzzjonijiet, li huma s-suġġett ta' ftehimiet interistituzzjonali,

Billi r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jagħmel referenza għall-aċċess għad-dokumenti eżistenti u billi t-talbiet għal informazzjoni għandhom jiġu trattati skont dispożizzjonijiet oħra,

(1) ĠU C 374, 29.12.2001, p. 1.
(2) Ikkonsolidata mill-Bureau fit-3 ta' Mejju 2004.
(3) Emendata mill-Bureau fis-26 ta' Settembru 2005 u ppubblikati f' ĠU C 289, 22.11.2005, p. 6.
(4) Emendata mill-Bureau fit-22 ta' Ġunju 2011 u ppubblikati f' ĠU C 216, 22.7.2011, p. 19.

Billi l-Bureau, permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2010, adotta lista ġdida ta' kategoriji għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew direttament aċċessibbli,

Billi jaqbel li jsiru modifiki tekniċi fid-dawl tal-esperjenza miksuba tul dawn l-aħħar snin fi ħdan l-Istituzzjoni u tal-iżvilupp tas-sit elettroniku tal-Parlament.

IDDEĊIEDA

TITOLU I

**IR-REĠISTRU ELETTRONIKU TA' REFERENZI (RER)**

*Artikolu 1*

**Ħolqien**

1. Ir-Reġistru Elettroniku ta' Referenzi (RER) inħoloq għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew.

2. Ir-Reġistru ta' Referenzi maħluq għal dan il-għan għandu jinkludi r-referenzi għal dokumenti maħruġa jew riċevuti (bl-eċċezzjoni tal-paragrafu li ġej) mill-Istituzzjoni mid-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ([1]).

3. Fuq il-bażi tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, m'għandux ikun hemm bżonn li d-dokumenti tal-istituzzjonijiet l-oħra li jkun irċieva l-Parlament Ewropew u li diġà jkunu aċċessibbli faċilment fir-reġistru elettroniku tal-istituzzjoni kkonċernata jkunu magħmula disponibbli fir-RER. Ir-RER għandu jipprovdi ħolqa (link) għar-reġistru tal-istituzzjoni awtriċi.

4. Dawn ir-referenzi għandhom iservu bħala "l-karta tal-identità tad-dokument" li tinkludi mhux biss l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, iżda wkoll u sa fejn hu possibbli, l-informazzjoni li tagħmilha possibbli li tiġi identifikata l-awtorità li minnha joriġina d-dokument, il-lingwi disponibbli, l-istatus tad-dokument, il-kategorija tad-dokument u l-post fejn qiegħed maħżun.

*Artikolu 2*

**Għanijiet**

Ir-RER għandu jkun strutturat b'mod li jagħmilha possibbli li:

— jiġu identifikati d-dokumenti permezz ta' sistema uniformi ta' għoti ta' referenza,

— ikun hemm aċċess dirett għad-dokumenti, b'mod partikolari dawk leġiżlattivi,

— tingħata informazzjoni fil-każ li d-dokumenti ma jkunux direttament aċċessibbli elettronikament skont l-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

*Artikolu 3*

**Tħaddim**

L-Unità "Trasparenza – Aċċess tal-Pubbliku għad-Dokumenti u Relazzjonijiet mar-Rappreżentanti tal-Interessi" (minn issa 'l quddiem, is-servizz kompetenti), hu responsabbli:

— mis-sorveljanza tar-reġistrazzjoni fir-RER tad-dokumenti maħruġa jew riċevuti mill-Parlament Ewropew,

— mill-wasla u l-ipproċessar tat-talbiet għal aċċess fil-forma miktuba jew elettronika, fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol, li jista' jiġi prolongat,

— li jibgħat jgħarraf li rċieva t-talba,

— mill-għajnuna lill-applikant bil-għan li jkun iċċarat il-kontenut tat-talba tiegħu u li jaqbel mal-applikant dwar talbiet għal dokumenti twal jew kumplessi ħafna,

— li jiffaċilita lill-applikant l-aċċess għad-dokumenti diġà ppubblikati,

— mill-koordinament tar-risposta mas-servizz awtur jew fil-pussess tad-dokument jew mal-persuna awtorizzata meta t-talba tkun tikkonċerna dokument li mhux inkluż fir-reġistru, jew inkella meta t-talba tkun tikkonċerna dokument suġġett għal-limitazzjonijiet previsti fl-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001,

— mill-konsultazzjoni ma' persuni terzi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

*Artikolu 4*

**Reġistrazzjoni tad-dokumenti fir-RER**

1. Ir-referenzi għad-dokumenti huma reġistrati fir-RER skont l-istruzzjonijiet adottati mis-Segretarju Ġenerali, li jassiguraw massimu ta' traċċabilità tad-dokumenti. Il-kopertura tar-RER se tikber gradwalment. Din għandha tkun disponibbli fil-paġna ta' akkoljenza tar-RER fis-sit elettroniku Europarl.

2. F'dan ir-rigward, id-dokumenti tal-Parlament Ewropew, hekk kif definiti fl-Artikolu 104(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, għandhom jiddaħħlu fir-RER taħt ir-responsabbiltà tal-organu jew servizz awtur tad-dokument.

([1]) Jiġifieri t-3 ta' Diċembru 2001.

3. Id-dokumenti li jinħarġu fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva jew tal-attività parlamentari għandhom jiddaħħlu fir-RER malli jiġu depożitati jew malli jsiru pubbliċi.

4. Id-dokumenti l-oħra li jaqgħu taħt il-kompetenza tas-servizzi amministrattivi tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew għandhom jitniżżlu fir-RER, sa fejn ikun possibbli, skont l-istruzzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali.

5. Ir-referenzi għad-dokumenti tal-persuni terzi skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandhom jiġu rreġistrati fir-RER mis-servizz destinatarju tad-dokumenti.

*Artikolu 5*

**Dokumenti aċċessibbli direttament**

1. Id-dokumenti kollha maħruġa jew riċevuti mill-Parlament Ewropew fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva għandhom ikunu aċċessibbli għaċ-ċittadini f'forma elettronika, bla ħsara għar-restrizzjonijiet previsti fl-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

2. Il-Parlament Ewropew għandu jagħmel aċċessibbli elettronikament id-dokumenti leġiżlattivi kollha fit-tifsira tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 permezz tar-RER jew is-sit elettroniku Europarl.

3. Il-kategoriji tad-dokumenti li jkunu aċċessibbli direttament għandhom jitniżżlu f'lista addottata mill-Bureau, ippubblikata fis-sit elettroniku EUROPARL. Din il-lista m'għandhiex tillimita d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti li ma jkunux inkużi fil-kategoriji elenkati, li jistgħu jkunu magħmula aċċessibbli fuq talba miktuba.

*Artikolu 6*

**Dokumenti aċċessibbli fuq talba**

1. Sa fejn ikun possibbli, d-dokumenti maħruġa jew riċevuti mill-Parlament Ewropew barra mill-proċedura leġiżlattiva għandhom ikunu aċċessibbli direttament għaċ-ċittadini permezz tar-RER, bla ħsara għar-restrizzjonijiet previsti fl-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

2. Meta r-reġistrazzjoni ta' dokument fir-RER ma tippermettix aċċess dirett għat-test sħiħ, jew għax id-dokument ma jkunx disponibbli elettronikament, jew inkella minħabba l-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, l-applikant jista' jitlob l-aċċess għad-dokument bil-miktub jew permezz tal-formola elettronika li tinsab fuq is-sit tar-RER fis-sit Europarl.

3. Id-dokumenti maħruġa jew riċevuti mill-Parlament Ewropew qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, u li għalhekk m'humiex disponibbli fir-RER, għandhom ikunu aċċessibbli fuq talba miktuba jew elettronika bla ħsara għar-restrizzjonijiet previsti fl-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament imsemmi hawn fuq.

4. Il-Parlament Ewropew għandu jiżgura għajnuna elettronika liċ-ċittadini dwar il-modalitajiet tas-sottomissjoni ta' talbiet għal aċċess għad-dokumenti.

TITOLU II

**IT-TALBA INIZJALI**

*Artikolu 7*

**Talbiet koperti minn dawn ir-regoli**

Dawn ir-regoli japplikaw għal kwalunkwe talba ta' aċċess għal dokument tal-Parlament Ewropew sottomessa permezz tal-formola disponibbli fil-websajt tar-RER jew jirreferu espliċitament għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti, kif stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Madankollu, it-talbiet ibbażati fuq dritt għall-aċċess speċjali, kif stabbilit partikolarment mir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' data personali u r-Regolamenti tal-Persunal, mhumiex koperti minn dawn ir-regoli.

*Artikolu 8*

**Preżentazzjoni tat-talba għal aċċess**

1. It-talba għal aċċess għal dokument tal-Parlament Ewropew għandha tiġi ppreżentata bil-miktub jew elettronikament f'waħda mil-lingwi elenkati fl-Artikolu 342 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. It-talbiet elettroniċi, kull fejn ikun possibbli, għandhom jiġu sottomessi permezz ta' formola elettronika disponibbli fis-sit elettroniku tar-RER u s-sistema ta' għajnuna elettronika prevista biex tiffaċilita s-sottomissjoni ta' talbiet ta' dan it-tip.

3. It-talba għandha ssir b'mod preċiż biżżejjed u għandha tinkludi b'mod partikolari l-elementi li jagħmluha possibbli li jiġu identifikati d-dokumenti mitluba, kif ukoll l-isem u l-indirizz tal-applikant

4. Jekk talba ma tkunx preċiża biżżejjed, l-Istituzzjoni, skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, għandha tistieden lill-applikant jiċċaraha u għandha tgħinu għal dan il-għan.

*Article 9*

**Ipproċessar tat-talba inizjali**

1. Kwalunkwe talba għal aċċess għal dokument miżmum mill-Parlament Ewropew għandha tintbagħat fl-istess ġurnata li tkun irreġistrata mis-servizz kompetenti li, min-naħa tiegħu, għandu jiddikjara li rċevieha, iħejji tweġiba u jipprovdi d-dokument fl-iskadenza prevista.

2. Meta ssir talba għal dokument maħruġ mill-Parlament Ewropew, li għalih tapplika waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, jew inkella meta jkun jeħtieġ jiġi identifikat jew misjub id-dokument mitlub, is-servizz kompetenti għandu jikkuntattja lis-servizz jew organu awtur tad-dokument li għandu jissuġġerixxi x'azzjoni għandha tittieħed fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol.

*Artikolu 10*

**Konsultazzjoni ma' terzi**

1. Fejn talba tkun tikkonċerna dokumenti mingħand terzi, is-servizz kompetenti, fejn ikun il-każ, b'koordinazzjoni mas-servizz li jkollu d-dokumenti mitluba, għandu jiċċekkja jekk tkunx tapplika waħda mill-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 jew 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

2. Jekk, ġaladarba l-iċċekkjar ikun sar, jiġi stabbilit li l-aċċess għad-dokumenti mitluba jrid jiġi miċħud fuq il-bażi ta' waħda mill-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 jew 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, għandha tintbagħat risposta fin-negattiv lill-applikant mingħajr konsultazzjoni mal-parti terza awtriċi tad-dokument.

3. Is-servizz kompetenti għandu jaċċetta t-talba mingħajr ma jikkonsulta l-parti terza awtriċi tad-dokument meta:

— id-dokument mitlub diġà jkun inħareġ mill-awtur tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jew dispożizzjonijiet analogi;

— il-ħruġ, anke jekk parzjali, tal-kontenut tiegħu, ma jkunx ta' ħsara għall-interessi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

4. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-parti terza għandha tiġi kkonsultata u mogħtija ħamest ijiem tax-xogħol biex tagħti l-pożizzjoni tagħha, bil-għan li jiġi ddeterminat jekk tapplikax xi waħda mill-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 jew 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

5. Jekk ma tingħata l-ebda risposta sa tmiem l-iskadenza stipulata, jew jekk il-parti terza ma tkunx tista' tiġi identifikata jew ikkuntattjata, il-Parlament Ewropew għandu jieħu deċiżjoni skont id-dispożizzjonijiet dwar l-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, filwaqt li jqis l-interessi leġittimi tal-parti terza skont l-informazzjoni li jkollu.

*Artikolu 11*

**Skadenza għar-risposta**

1. Fil-każ li jingħata aċċess, is-servizz kompetenti għandu jipprovdi d-dokumenti mitluba fi żmien ħmistax-il jum ta' ħidma mir-reġistrazzjoni tat-talba.

2. Jekk il-Parlament Ewropew ma jkunx f'pożizzjoni li jagħti aċċess għad-dokumenti mitluba, dan għandu javża bil-miktub lill-applikant bir-raġunijiet taċ-ċaħda, totali jew parzjali, u fl-istess ħin jinfurmah dwar id-dritt tiegħu li jippreżenta talba għal konferma.

3. F'dan il-każ, l-applikant ikollu żmien 15-il jum ta' ħidma minn meta jirċievi r-risposta sabiex jippreżenta t-talba għal konferma.

4. F'każijiet eċċezzjonali, meta ssir talba għal dokument twil ħafna jew għal numru kbir ta' dokumenti, iż-żmien stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jista' jiġi mtawwal bi 15-il jum ta' ħidma, bil-kundizzjoni li l-applikant jiġi mgħarraf bil-quddiem u jingħata spjegazzjoni dettaljata.

5. In-nuqqas ta' risposta min-naħa tal-Isituzzjoni fiż-żmien stipulat jawtorizza lill-applikant sabiex jippreżenta talba għal konferma.

*Artikolu 12*

**Awtorità kompetenti**

1. It-talbiet inizjali indirizzati lill-Parlament Ewropew għandhom jiġu pproċessati mis-Segretarju Ġenerali bl-awtorità tal-Viċi President responsabbli mis-sorveljanza tal-ipproċessar tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti, kif previst mill-Artikolu 104(4) u (6) tar-Regoli ta' Proċedura.

2. Ir-risposti pożittivi għat-talbiet inizjali għandhom jintbagħtu lill-applikant mis-Segretarju Ġenerali jew mis-servizz kompetenti bl-awtorità tas-Segretarju Ġenerali.

3. Iċ-ċaħda ta' talba inizjali, spjegata b'mod xieraq, tiġi deċiża mis-Segretarju Ġenerali fuq proposta tas-servizz kompetenti u wara konsultazzjoni mal-awtur tad-dokument. Kwalunkwe deċiżjoni ta' ċaħda għandha tiġi mgħoddija, għall-informazzjoni, lill-Viċi President responsabbli.

4. Is-Segretarju Ġenerali jew is-servizz kompetenti jistgħu f'kull mument jirreferu talba lis-Servizz Legali u/jew lill-uffiċjal responsabbli mill-protezzjoni tad-data biex dawn jagħti l-opinjoni tagħhom dwar x'azzjoni għandha tittieħed.

TITOLU III

**IT-TALBA GĦAL KONFERMA**

*Artikolu 13*

**Preżentazzjoni**

1. It-talba għal konferma għandha tiġi indirizzata fi żmien 15-il jum ta' ħidma, jew mill-ilqigħ tar-risposta ta' ċaħda totali jew parzjali tal-aċċess għad-dokument mitlub, jew, fin-nuqqas ta' kwalunkwe risposta għat-talba inizjali, wara li tkun għaddiet l-iskadenza għar-risposta.

2. It-talba għal konferma għandha ssir skont ir-rekwiżiti formali previsti fl-Artikolu 8 ta' din id-Deċiżjoni għat-talba inizjali.

*Artikolu 14*

**Ipproċessar u konsultazzjonijiet**

1. It-talbiet għal konferma għandhom jiġu rreġistrati u l-konsultazzjonijiet eventwali żgurati, skont id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikoli 9 u 10 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Fi żmien 15-il jum ta' ħidma mir-reġistrazzjoni tat-talba, il-Parlament Ewropew għandu jew jagħti aċċess għad-dokument, jew javża bil-miktub jew elettronikament dwar ir-raġunijiet taċ-ċaħda totali jew parzjali.

3. F'każijiet eċċezzjonali, meta ssir talba għal dokument twil ħafna jew għal numru kbir ta' dokumenti, iż-żmien stipulat fil-paragrafu preċedenti jista' jiġi mtawwal bi 15-il jum ta' ħidma, bil-kundizzjoni li l-applikant jiġi mgħarraf bil-quddiem u jingħata spjegazzjoni dettaljata.

*Artikolu 15*

**Awtorità kompetenti**

1. Ir-risposta għat-talbiet ta' konferma għandha tkun kompitu tal-Bureau tal-Parlament Ewropew. Il-Viċi President responsabbli mill-ipproċessar tat-talbiet ta' aċċess għad-dokumenti għandu jieħu deċiżjoni dwar talbiet għal konferma f'isem il-Bureau u bl-awtorità tiegħu.

2. Il-Viċi President għandu jinforma lill-Bureau dwar id-deċiżjoni tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-Bureau li tiġi wara t-teħid ta' deċiżjoni u n-notifikazzjoni tagħha lill-applikant. Jekk hu jqis neċessarju, u fil-limitu taż-żmien stipulat, il-Viċi President jista' jirreferi l-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu lill-Bureau, b'mod partikolari jekk it-tweġiba tista' tqajjem kwistjonijiet ta' prinċipju relatati mal-politika ta' trasparenza tal-Parlament Ewropew. Fit-tweġiba tiegħu lill-applikant, il-Viċi President għandu jkun marbut bid-deċiżjoni tal-Bureau.

3. Il-Viċi President u l-Bureau għandhom jieħdu deċiżjoni fuq il-bażi tal-proposta mfassla mis-servizz kompetenti b'delega mis-Segretarju Ġenerali. Dan is-servizz għandu jkun awtorizzat jitlob l-opinjoni tal-uffiċjal responsabbli mill-protezzjoni tad-data li għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien tlett ijiem ta' ħidma.

4. L-abbozz ta' risposta jista' jkun suġġett għal eżami minn qabel mis-Servizz Legali li għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien tlett ijiem ta' ħidma.

*Artikolu 16*

**Proċeduri legali**

1. Jekk il-Parlament Ewropew jiċħad b'mod totali jew parzjali talba għal aċċess ta' dokument, huwa għandu javża lill-applikant dwar il-mezzi ta' appell li jkollu fid-dispożizzjoni tiegħu, jiġifieri: jibda proċedura legali kontra l-Istituzzjoni jew iressaq ilment lill-Ombudsman, skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 263 u 228 tat-TFUE.

2. In-nuqqas ta' risposta fiż-żmien stipulat jitqies bħala risposta fin-negattiv u jippermetti lill-applikant jibda proċedura legali jew iressaq ilment skont il-paragrafu preċedenti.

TITOLU IV

**IR-REĠISTRAZZJONI TA' DOKUMENTI SENSITTIVI FIR-RER U L-AĊĊESS GĦALIHOM**

*Artikolu 17*

**Reġistrazzjoni ta' dokumenti sensittivi fir-RER**

1. Id-dokumenti sensittivi skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandhom jiġu reġistrati fir-RER jekk l-oriġinatur jagħti l-kunsens tiegħu. Ir-responsabilità tad-determinazzjoni ta' liema referenzi jistgħu jiġu inklużi hi tal-persuni jew tal-organi tal-Parlament Ewropew li jirċievu dokumenti sensittivi minn parti terza. Dawn il-persuni jew organi għandhom jikkonsultaw lill-Viċi President responsabbli għall-ipproċessar tat-talbiet ta' aċċess għal dokumenti, lis-Segretarju Ġenerali jew, jekk ikun il-każ, lill-president tal-kumitat parlamentari kkonċernat.

2. Kull dokument imħejji mill-Parlament Ewropew li jirreferi għal dokument sensittiv għandu jiddaħħal fir-RER biss permezz ta' awtorizzazzjoni mill-Viċi President responsabbli għall-ipproċessar tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti. Ir-referenzi attribwiti għal dak id-dokument għandhom jiġu stipulati bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fil-paragrafu preċedenti.

*Artikolu 18*

**Ipproċessar tat-talba għal aċċess**

Is-Segretarju Ġenerali għandu jittrażmetti t-talba għal aċċess għal dokumenti sensittivi lill-Viċi President responsabbli għall-ipproċessar ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti, li għandu jkun responsabbli li jwieġeb it-talba inizjali. It-tweġiba għal talba għal konferma għandha tkun kompitu tal-Bureau, li jista' jiddelega dan il-kompitu lill-President. Il-Viċi President responsabbli u l-Bureau jew il-President għandhom jikkonsultaw lis-Segretarju Ġenerali jew, jekk ikun il-każ, lill-president tal-kumitat parlamentari kkonċernat. Il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni u l-iskadenzi għandhom ikun l-istess bħat-talbiet l-oħra għal aċċess.

*Artikolu 19*

**Persuni awtorizzati**

Il-persuni awtorizzati li jaqraw id-dokumenti waqt l-ipproċessar tat-talbiet għal aċċess għal dokumenti sensittivi huma: il-President tal-Parlament Ewropew, il-Viċi President responsabbli mill-ipproċessar tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti, il-president tal-kumitat parlamentari direttament konċernat, is-Segretarju Ġenerali u l-persunal tas-servizz kompetenti awtorizzat kif xieraq, sakemm ma jkunx hemm ftehimiet konklużi mal-istituzzjonijiet l-oħra li jipprevedu awtorizzazzjoni speċjali.

*Article 20*

**Protezzjoni ta' dokumenti sensittivi**

Id-dokumenti sensittivi huma suġġetti għal regoli tas-sigurtà stretti, biex jiżguraw l-ipproċessar b'kunfidenzjalità fi ħdan l-Istituzzjoni. F'dan ir-rigward, dawn ir-regoli jqisu l-Ftehimiet Interistituzzjonali.

TITOLU V

**IL-ĦRUĠ TAD-DOKUMENTI**

*Artikolu 21*

**Spiża tar-risposta**

1. Minbarra l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, jekk il-volum tad-dokumenti mitluba jkun ta' aktar minn għoxrin faċċata, miżata ta' EUR 0.10 għal kull paġna, flimkien mal-ispejjeż tal-pustaġġ, jistgħu jintalbu mingħand l-applikant. Il-miżati għal mezzi oħra għandhom jiġu deċiżi fuq il-bażi ta' każ b'każ, iżda fi kwalunkwe każ m'għandhomx jeċċedu ammont raġonevoli.

2. Id-dokumenti ppubblikati ma jaqgħux taħt din id-Deċiżjoni u għalihom tapplika sistema ta' prezzijiet partikolari.

TITOLU VI

**L-APPLIKAZZJONI**

*Artikolu 22*

**Applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika b'osservanza ta' u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, kif ukoll għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

*Artikolu 23*

**Reviżjoni**

Din id-Deċiżjoni se tkun suġġetta għal eżami ġdid mill-inqas kull darba li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jiġi rivedut.

*Artikolu 24*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([1]).

---

([1]) Jiġifieri d-29 ta' Diċembru 2001, it-22 ta' Novembru 2005, kif ukoll it-22 ta' Lulju 2011.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

**Il-21 ta' Lulju 2011**

(2011/C 216/08)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4222 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3246 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 112,09 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3447 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4542 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 11,0832 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,87870 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6579 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,1008 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7237 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1690 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 500,67 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,7335 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,7750 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,1817 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4552 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,411 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 154,10 |
| HUF | Forint Ungeriż | 267,93 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,2638 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 60,641 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7094 | RUB | Rouble Russu | 39,7000 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9955 | THB | Baht Tajlandiż | 42,538 |
| RON | Leu Rumen | 4,2560 | BRL | Real Brażiljan | 2,2188 |
| TRY | Lira Turka | 2,3793 | MXN | Peso Messikan | 16,5622 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 63,2950 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Aġġornament tal-lista ta' permessi ta' residenza msemmija fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 247, 13.10.2006, p. 1, ĠU C 153, 6.7.2007, p. 5, ĠU C 192, 18.8.2007, p. 11, ĠU C 271, 14.11.2007, p. 14, ĠU C 57, 1.3.2008, p. 31, ĠU C 134, 31.5.2008, p. 14, ĠU C 207, 14.8.2008, p. 12, ĠU C 331, 21.12.2008, p. 13, ĠU C 3, 8.1.2009, p. 5, ĠU C 64, 19.3.2009, p. 15; ĠU C 198, 22.8.2009, p. 9; ĠU C 239, 6.10.2009, p. 2; ĠU C 298, 8.12.2009, p. 15; ĠU C 308, 18.12.2009, p. 20; ĠU C 35, 12.2.2010, p. 5; ĠU C 82, 30.3.2010, p. 26; ĠU C 103, 22.4.2010, p. 8; ĠU C 108, 7.4.2011, p. 6; ĠU C 157, 27.5.2011, p. 5; ĠU C 201, 8.7.2011, p. 1)**

(2011/C 216/09)

Il-pubblikazzjoni tal-lista ta' permessi ta' residenza msemmija fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Minbarra l-pubblikazzjoni fil-ĠU, aġġornament ta' kull xahar huwa disponibbli fuq is-sit tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

L-ITALJA

*Sostituzzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 201, 8.7.2011*

1. Permessi ta' residenza maħruġa skont il-format uniformi

   — Permessi ta' residenza b'validità temporanja – validi minn 3 xhur sa mhux iktar minn 3 snin. Dawn jinħarġu għar-raġunijiet li ġejjin:

     — Affidamento (Maħruġ lil dawk it-tfal li huma barranin u li huma temporanjament miċħuda minn ambjent ta' familja xieraq)

     — Motivi umanitari (della durata superiore ai tre mesi) (Raġunijiet Umanitarji (validu għal iktar minn tliet xhur)

     — Motivi religiosi (Raġunijiet reliġjużi)

     — Studio (Studju)

     — Missione (Maħruġ lil dawk il-barranin li daħlu fl-Italja permezz ta' viża għal "Missjoni" għall-għanijiet ta' żjara temporanja)

     — Asilo politico (asil politiku)

     — Apolidia (Persuni bla stat/ apolidi)

     — Tirocinio formazione professionale (Taħriġ ta' apprentistat)

     — Riacquisto cittadinanza italiana (Maħruġ lil dawk il-barranin li qed jistennew l-għotja jew ir-rikonoxximent ta' ċittadinanza Taljana)

     — Ricerca scientifica (Riċerka xjentifika)

     — Attesa occupazione (Impjieg pendenti)

— Lavoro autonomo (Impjieg indipendenti)

— Lavoro subordinato (Impjiegi)

— Lavoro subordinato stagionale (Impjieg skont l-istaġun)

— Famiglia (Familja)

— Famiglia minore 14-18 (Permess ta' residenza għal tfal ta' familja ta' bejn 14 u 18-il sena)

— Volontariato (Volontarjat)

— Protezione sussidiaria (permesso di soggiorno rilasciato ai sensi del D.L. n. 251 del 19 novembre 2007 in recepimento della Direttiva n. 83/2004/CE) (Protezzjoni sussidjarja (permess ta' residenza maħruġ skont id-Digriet Nru 251 tad-19 novembru 2007 mit-traspożizzjoni tad-Direttiva Nru 83/2004/KE)

— Permesso di soggiorno CE per lungo soggiornanti con una validità permanente (Permess ta' residenza fil-KE b'validità permanenti)

2. Id-dokumenti l-oħra kollha maħruġa liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi li jkollhom valur ekwivalenti għal permess ta' residenza

Permessi ta' residenza maħruġa bħala karta (ibbażati fuq il-liġi nazzjonali) u l-validità tagħhom tista' tvarja minn perjodu ta' inqas minn 3 xhur sakemm il-ħtieġa ma tibqax.

— Carta di soggiorno con validità permanente e rilasciata prima dell'entrata in vigore del decreto legislativo 8 gennaio 2007, n. 3 che attua la direttiva 2003/109/CE per i soggiornanti di lungo periodo, equiparata dal decreto legislativo al permesso di soggiorno CE per i soggiornanti di lungo periodo (Karta ta' residenza b'validità permanenti u maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 3 tat-8 jannar 2007, id-Direttiva 2003/109/KE għal soġġorn twil, imqabbla mad-Digriet Leġiżlattiv tal-permess ta' residenza għal residenti fit-tul tal-KE)

— Carta di soggiorno per familiari di cittadini dell'UE che sono i cittadini di paesi terzi con validità fino a cinque anni (Karta ta' residenza għal membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi – validità ta' mhux iktar minn ħames snin)

— Carta d'identità M.A.E.: (Karta tal-identità maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin)

  — Mod. 1 (blu) Corpo diplomatico accreditato e consorti titolari di passaporto diplomatico (Il-Mudell 1 (blu) Membri akkreditati tal-korpi diplomatiċi u l-konjuġi tagħhom li jkollhom passaport diplomatiku)

  — Mod. 2 (verde) Corpo consolare titolare di passaporto diplomatico (Il-Mudell 2 (aħdar) Membri tal-korpi konsulari li jkollhom passaport diplomatiku)

  — Mod. 3 (Orange) Funzionari II FAO titolari di passaporto diplomatico, di servizio o ordinario (Il-Mudell 3 (oranġjo) Kategorija II uffiċjali tal-FAO li jkollhom passaport diplomatiku, ta' servizz jew ordinarju)

  — Mod. 4 (Orange) Impiegati tecnico-amministrativi presso Rappresentanze diplomatiche titolari di passaporto di servizio (Il-Mudell 4 (oranġjo) Staff tekniku u amministrattiv tar-rappreżentanzi diplomatiċi li għandhom passaport tas-servizz)

  — Mod. 5 (Orange) Impiegati consolari titolari di passaporto di servizio (Il-Mudell 5 (oranġjo) Staff konsulari li għandhom passaport tas-servizz)

— Mod. 7 (grigio) Personale di servizio presso Rappresentanze diplomatiche titolare di passaporto di servizio (Il-Mudell 7 (griż) Staff domestiku ta' rappreżentanzi diplomatiċi li jkollhom passaport ta' servizz)

— Mod. 8 (grigio) Personale di servizio presso Rappresentanze Consolari titolare di passaporto di servizio (Il-Mudell 8 (griż) Staff domestiku ta' rappreżentanzi konsulari li jkollhom passaport ta' servizz)

— Mod. 11 (beige) Funzionari delle Organizzazioni internazionali, Consoli Onorari, impiegati locali, personale di servizio assunto all'estero e venuto al seguito, familiari Corpo Diplomatico e Organizzazioni Internazionali titolari di passaporto ordinario (Il-Mudell 11 (beige) Uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, konsli onorarji, impjegati lokali, staff domestiku impjegat barra mill-pajjiż u li segwew lil min iħaddimhom, familji ta' membri tal-korpi diplomatiċi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jkollhom passaport ordinarju)

*NB:* Il-mudelli 6 (oranġjo) u 9 (aħdar) għal staff ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li ma jkollhomx immunità u konsli onorarji barranin, rispettivament, m'għadhomx jinħarġu u nbidlu bil-mudell 11. Madankollu, dawn id-dokumenti jibqgħu validi sad-data ta' skadenza mniżżla fuqhom.

Dan li ġej jiżdied fuq wara tal-Karti tal-Identità: din il-Karta tal-Identità teżenta lid-detentur mill-bżonn li jkollu permess ta' żjara u flimkien ma' dokument validu tal-ivjaġġar din tippermetti li jidħol fit-territorju ta' kwalunkwe Stat ta' Schengen.

— Lista ta' persuni li jieħdu sehem f'ħarġa skolastika fl-Unjoni Ewropea.

**Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001**

(2011/C 216/10)

**Għajnuna Nru:** SA.33161 (11/XA)

**Stati Membri:** L-Olanda

**Reġjun:** Noord-Brabant

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Subsidieverlening project „Fosfaat, natuur en landbouw"

**Bażi legali:**

— Algemene wet bestuursrecht

— Subsidieverordening inrichting landelijk gebied 2007 (provincie Noord-Brabant)

— Tijdelijke subsidieregeling inrichting landelijk gebied

— Beschikking betreffende de toekenning van een subsidie voor het project „Fosfaat, natuur en landbouw"

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Ammont kumplessiv ta' għajnuna ad hoc konċessa lill-impriża: EUR 0,09 (f'miljuni)

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 %

**Data tal-implimentazzjoni:** —

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:** Għajnuna teknika (Art. 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006)

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Produzzjoni ta' annimali

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Provincie Noord-Brabant
Brabantlaan 1
Postbus 90151
5200 MC 's-Hertogenbosch
NEDERLAND

Waterschap De Dommel
Bosscheweg 56
Postbus 10001
5280 DA Boxtel
NEDERLAND

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.brabant.nl/politiek-en-bestuur/gedeputeerde-staten/bestuursinformatie/bekendmakingen/water/bekendmaking-subsidieverlening-zlto-de-hilver.aspx

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** SA.33263 (11/XA)

**Stati Membri:** L-Italja

**Reġjun:** Lazio

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Intervento contributivo regionale riferito a estirpazioni o capitozzature di piante di actinidia colpite da cancro batterico causato da «Pseudomonas syringae pv. actinidiae».

**Bażi legali:**

L.R. 16 marzo 2011, n. 2 «Misure di intervento a favore delle piccole e medie imprese agricole per la prevenzione ed eradicazione di fitopatie e infestazioni parassitarie».

DGR del 24 giugno 2011 n. 301, «L.R. 16 marzo 2011, n. 2 "Misure di intervento a favore delle piccole e medie imprese agricole per la prevenzione ed eradicazione di fitopatie e infestazioni parassitarie". Programma regionale di intervento contributivo riferito a estirpazioni o capitozzature di piante di actinidia …»

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema: EUR 1 (f'miljuni)

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 %

**Data tal-implimentazzjoni:** —

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** mill-21 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2013

**Għan tal-għajnuna:** Mard tal-pjanti – Infestazzjoni tal-pesti (Art. 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006)

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Produzzjoni ta' għelejjel u annimali, kaċċa u attivitajiet relatati

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Regione Lazio

Dipartimento Istituzionale e Territorio
Direzione regionale Agricoltura
Via C. Colombo 212
00147 Roma RM
ITALIA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.agricoltura.regione.lazio.it

**Informazzjoni oħra:** —

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Obbligi ta' servizz pubbliku marbutin mas-servizzi tal-ajru bi skeda**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 216/11)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | Franza |
| Rotta kkonċernata | Le Havre–Lyon (Saint-Exupéry) |
| Data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi ta' servizz pubbliku | L-għada tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż |
| Indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test u t-tagħrif u/jew id-dokumenti kollha rilevanti marbutin mal-obbligi ta' servizz pubbliku | Arrêté du 14 juin 2011 modifiant l'arrêté du 4 juin 2009 relatif à l'imposition d'obligations de service public sur les services aériens réguliers entre Le Havre et Lyon (Saint-Exupéry) (Digriet tal-14 ta' Ġunju 2011 li jemenda d-Digriet tal-4 ta' Ġunju 2009 dwar l-impożizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku fuq is-servizzi tal-ajru bi skeda bejn l-ajruporti ta' Le Havre u Lyon (Saint-Exupéry))<br>NOR: DEVA1115672A<br>http://www.legifrance.gouv.fr/initRechTexte.do<br>Għal aktar informazzjoni kkuntattja lil:<br>Direction générale de l'aviation civile (Id-Direttorat Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili)<br>DTA/SDT/T2<br>50 rue Henry Farman<br>75720 Paris Cedex 15<br>FRANCE<br>Tel. +33 158094321<br>Posta elettronika: osp-compagnies.dta@aviation-civile.gouv.fr |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6313 – Ashland/International Specialty Products)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 216/12)

1. Fl-14 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Ashland Inc ("Ashland", l-Istati Uniti) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll shih tal-impriża International Specialty Products Inc ("ISP", l-Istati Uniti) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Ashland: il-manifattura u l-fornitura ta' polimeri komposti, kolol, trattamenti tal-ilma tal-ipproċessar jew tas-servizzi, eteri ta' ċellulosa, lubrikanti u kimiki tal-karrozzi; kif ukoll,

— għal ISP: il-manifattura u l-fornitura ta' kimiċi speċjali għas-swieq tal-konsumaturi u għas-swieq industrijali, inkluż il-kura personali, il-farmaċewtiċi u n-nutriment, ix-xarbiet, il-kura tad-djar, materjal għall-kisi u kolol, enerġija, biedja, prodotti tal-plastik u tajers.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6313 – Ashland/International Specialty Products, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.6276 – AIF VII Euro Holdings/Ascometal)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 216/13)

1. Fil-15 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża AIF VII Euro Holdings, L.P. ("AIF VII") – fond ta' investiment ġestit minn Apollo Management VII L.P., li hija affiljata ta' Apollo Management L.P. (kollettivament, "Apollo", l-Istati Uniti tal-Amerika) – takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża kollha Ascometal SA (Franza) mingħand Sideris Steel S.A.S., sussidjarja indiretta ta' Lucchini SpA li hija parti minn OAO Severstal permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Apollo: l-investiment f'kumpaniji involuti f'negozji varji madwar id-dinja kollha bħall-industriji tal-kimika, tal-kruċjieri, tal-loġistika, tal-karta, tal-ippakkjar u ta' senserija fil-qasam tal-proprjetà immobbli,

— għall-impriza Ascometal.: il-manifattura ta' prodotti speċjali ta' ħadid twil (prodotti nofshom kompluti, prodotti laminati bis-sħana u prodotti maħduma bla sħana) fi gradi ta' liega jew le.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6276 – AIF VII Euro Holdings/Ascometal, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

2011/C 216/10 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ..... 29

2011/C 216/11 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità – Obbligi ta' servizz pubbliku marbutin mas-servizzi tal-ajru bi skeda ([1]) ..... 31

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 216/12 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6313 – Ashland/International Specialty Products) ([1]) ..... 32

2011/C 216/13 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6276 – AIF VII Euro Holdings/Ascometal) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ([1]) ..... 33

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT